



KIF TISTA' TQIEGĦED AKKOMODAZZJONI RAĠONEVOLI

# FIL-PRATTIKA

GWIDA GĦAL PRATTIKI PROMETTENTI FIL-ĠLIEDA KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL



GĦANDEK  
DRITTIIJET

#EUvsDiscrimination

L-informazzjoni ppresentata f'din il-Gwida nghat-tar direktament minn impiegaturi fuq livej nazzjonali, permezz ta' kwestjonarju, żviluppat għall-kampanja tal-UE kontra d-diskriminazzjoni (EUvsDiscrimination). L-informazzjoni dwar il-prattiki tal-impieg, inkluż in-numru ta' persuni b'diżabilità impiegati, jew il-miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli hija għalhekk soġġettiva u l-Kummissjoni Ewropea konsegwentement mħiġiex responsabbli għall-validità tal-informazzjoni.

Din il-Gwida tħejjiet minn Dr Magdi Birtha, Relatur tal-kampanja EUvsDiscrimination, riċerkatriċi fis-Ċentru Ewropew għall-Politika u r-Riċerka dwar l-Assistenza Soċjali.

La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni Ewropea ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej. Aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea huwa disponibbli fuq l-Internet (<http://www.europa.eu>).





<b>IL-KAMPANJA EUvsDISCRIMINATION .....</b>	<b>06</b>
<b>SFOND .....</b>	<b>08</b>
<b>X'INHI AKKOMODAZZJONI RAĠONEVOLI? .....</b>	<b>12</b>
<b>PRATTIKI PROMETTENTI BIEX PERSUNI B'DIŻABILITÀ JIĠU IMPJEGATI FIS-SUQ TAX-XOGħOL MIFTUĦ .....</b>	<b>14</b>
<b>A · EŻEMPJI MIS-SETTUR PUBBLIKU .....</b>	<b>15</b>
► Ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità fi Bruxelles Environment (il-Belġju) .....	16
► L-impieg ta' persuni b'diżabilità intellettuali bħala ġaddiema taċ-ċivil fil-Gvern tal-Provinċja ta' Biscay (Spanja) .....	18
► L-impieg ta' persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu fl-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (l-Ungjerija) .....	20
► Pjan ta' diversità tad-Dipartiment tat-Tifi tan-Nar u tal-Ġħajnejna Medika Urġenti (SIAMU) fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (il-Belġju) .....	22
► L-implementazzjoni tal-pjan tad-diversità fil-Komunità ta' Uccle (il-Belġju) .....	24
► L-aġġustament ta' Uffiċċju tas-Servizz Pubbliku tal-Impiegji għall-ħtiġijiet ta' impiegat b'diżabilità (Franza) .....	26
<b>B · EŻEMPJI MIS-SETTUR PRIVAT .....</b>	<b>29</b>
► Katalogu ta' Aċċessibbiltà Inklużiva f'Shell Global/Shell Bulgaria EAD (il-Bulgarija) .....	30
► Ir-Riabilitazzjoni Vokazzjonal bħala servizz tar-Riżorsi Umani f'E.ON Hungary Ltd. (L-Ungjerija) .....	32
► Pakkett ta' benefiċċji għall-impiegati b'diżabilità f'ING Bank Śląski S.A. (il-Polonja) .....	34
► L-użu tad-disinn biex jiġi appoġġat l-impieg ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali fir-Restaurant Le Reflet Nantes (Franza) .....	36
► It-taħriġ u l-impieg ta' persuni b'diżabilità ma' negozju qidid ta' żviluppatur tal-web Domino Dizajn d.o.o. (il-Kroazja) .....	38
► L-involviment ta' persuni b'diżabilità fid-dipartimenti kollha tal-fabrika tal-karti "JSC SMILTANIS IR KO" (il-Litwanja) .....	40
► L-intraprenditorija soċjali f'Etincelle o.s. biex tiġieled l-isterjotipi u twitti t-triq għall-impiegji fis-suq tax-xogħol miftuħ (iċ-Ċekja) .....	42
► Intrapriża soċjali ta' suċċess biex tħarreġ persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ fi Gruppo SIFU (Spanja) .....	44
<b>C · EŻEMPJU MIS-SOċJETÀ ĊIVILI .....</b>	<b>46</b>
► "Valueable Network" biex jippromwovi l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali fis-setturi tal-ospitatali (l-Italja, Spanja, il-Portugall, l-Ungjerija, il-Ġermanja, it-Turkija) .....	47
<b>MIN JISTA' JGĦINEK TEŻERĊITA D-DRITTIXIET TIEGħEK? .....</b>	<b>48</b>

# EUvsDISCRIMINATION CAMPAIGN

F'Mejju 2019, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-kampanja #EUvsDiscrimination sabiex tinforma liċ-ċittadini tal-UE bid-drittijiet tagħhom li ma jiġux iddiskriminati.

Għall-finijiet tal-kampanja, ġew prodotti sit web, fuljett u vidjos dwar il-kampanja fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, u tniediet ukoll strateġija għall-midja soċjali. Is-sit web tal-UE pprovda liċ-ċittadini bid-dettalji tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza tagħhom sabiex ikollhom aktar informazzjoni dwar kif jinfuraw id-drittijiet tagħhom.

Fergħa oħra tal-kampanja ffukat speċifikament fuq **akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabilità**. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea organizzat sett ta' avvenimenti bejn Mejju 2019 u Marzu 2020 fi Stati Membri fejn id-differenza fl-impijegi bejn persuni b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità hija fost l-akbar fl-UE. L-azzjonijiet kellhom l-għan li jqajmu kuxjenza fost l-impijegaturi u ċ-ċittadini tal-UE, li mhumiex konxji tal-possibbiltajiet li toffri l-leġiżlazzjoni tal-UE, biex jiġieldu d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Dawn l-avvenimenti pprovdew opportunità tajba għal laqqhat u diskussionijiet diretti mal-impijegaturi dwar il-vantaġġi li jimpiegaw persuni b'diżabilità, kif ukoll dwar l-esperjenzi li jipprovdulhom akkomodazzjoni raġonevoli.



L-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni seħħew fl-Istati Membri li ġejjin:

IL-15 TA' MEJJU 2019



BRUSSELL

IL-BELĠJU

IS-7 TA' ĜUNNU 2019



BUCHAREST

IR-RUMANIJA

IS-27 TA' ĜUNNU 2019



VARSAVJA

IL-POLONJA

SOFIJA



ZAGREB



VILNIUS



BUDAPEST



PRAGA



IT-18 TA' OTTUBRU 2019

IS-6 TA' DIĊEMBRU 2019

IL-15 TA' JANNAR 2020

L-24 TA' JANNAR 2020

L-24 TA' FRAR 2020



**SOFIJA**

I-L-BULGARIJA



**PRAGA**

I-Ċ-ĊEKJA



**VILNIUS**

I-LITWANJA



**ZAGREB**

I-KROAZJA



**BUDAPEST**

I-UNGERIJA



## ► ID-DIRETTIVA TAL-UE DWAR L-UGWALJANZA FL-IMPJIEGI (DIRETTIVA 2000/78/KE) TIPPROJBIXXI D-DISKRIMINAZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL ABBAŻI TAL-ETÀ, IS-SESS, ID-DIŻABILITÀ, L-ORIĠINI ETNIKA JEW RAZZJALI, IR-RELIĠJON JEW IT-TWEMMIN, JEW L-ORJENTAZZJONI SESSWALI.<sup>1</sup>

**Mis-sena 2000, il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament indaqs fil-livell tal-UE stabbilixxiet livelli minimi ta' protezzjoni għal kull min jaħdem fl-UE.**

**Il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li l-impiegaturi ma jiddiskriminawx fuq ix-xogħol u tiżgura d-dritt tal-impiegati li ma jiġux iddiskriminati.**

Il-liji tal-UE għalhekk tiggarantxi li l-persuni li jaħdmu fl-UE jkunu intitolati għal trattament indaqs fir-reklutaġġ, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fil-promozzjoni, fil-pagi, fl-aċċess għat-taħbi, vokazzjonali, fil-pensjonijiet tax-xogħol u fit-tkeċċija.

L-Istati Membri kollha tal-UE ilhom li ttrasponew din id-Direttiva fi dritt nazzjonali. Madankollu, għad hemm wiśq nies li mhumiex konxji ta' dawn id-drittijiet u tal-protezzjoni li toffri. Fl-2014, ir-Rapport Konġunt dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwäljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwäljanza fl-Impieg ikkonkluda li "l-isfida ewlenija issa hija li jiżdied l-għarfien tal-protezzjoni li digħi teżisti u li tkun żgurata l-implementazzjoni u l-applikazzjoni fil-prattika aħjar [tagħha]".<sup>2</sup> Skont Ewrobarometru Speċjalist dwar "Id-Diskriminazzjoni fl-UE fl-2015", kważi nofs in-nies ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom f'każ ta' diskriminazzjoni.<sup>3</sup> L-istħarriġ juri wkoll li madwar wieħed minn kull

tmien Ewropej iqisu lilhom infushom bħala parti minn grupp li jinsab f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba li jinsabu f'minoranza razzjali jew etnika, għandhom diżabilità, jew minħabba s-sess, l-orientazzjoni sesswali, l-età, ir-reliġjon u/jew it-twemmin tagħhom.

Id-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u l-attakki kontra l-minoranzi sfortunatament jibqgħu realtä ta' kuljum għal ħafna nies fl-Unjoni Ewropea.

B'mod partikolari, għadha teżisti differenza sinifikanti ta' 24,2 punti perċéntwali bejn is-sitwazzjoni tal-impieg ta' persuni b'diżabilità u ta' dawk mingħajr diżabilità.<sup>4</sup> Dan ifisser li **persuni b'diżabilità għandhom anqas probabbiltà li jiġi impiegati minn persuni mingħajr diżabilità** u d-differenza hija saħħisitra akbar għal persuni b'diżabilitajiet aktar severi. Minħabba li tradizzjonalment kienu esklusi mis-suq tax-xogħol, il-persuni b'diżabilità jkunu soġġetti għall-esklużjoni soċċiali u l-privazzjoni kif ukoll ikunu f'riskju oħla ta' faqar u jsibu ostakli sinifikanti għall-partċipazzjoni tagħhom fis-soċċjetà. Madankollu, l-impieg huwa essenzjali biex tinkiseb

l-inklużjoni soċċiali, biex jitnaqqas il-faqar u biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi madwar l-Unjoni.

Dan id-distakk persistenti fl-impiegieg għadu jeżisti, minkejja li l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha ratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), li espliċitament tipprojebxi d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità fis-suq tax-xogħol u tistieden lill-Istati Partijiet jiżguraw **akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol**. Akkomodazzjoni raġonevoli tfisser li għandhom isiru aġġustamenti meħtieġa u xierqa sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jgawdu mid-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Il-provvista ta' akkomodazzjoni raġonevoli ttejjeb l-accress ta' persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol miftuħ.

Reasonable accommodation means necessary and appropriate adjustments should be made to ensure to persons with disabilities the enjoyment of their human rights. Providing reasonable accommodation improves the access of persons with disabilities to the open labour market.



# ARA L-KAŻ KUMMERÇJALI

## XI VANTAĠĠI META' TIMPJEGA PERSUNI B'DIŻABILITÀ

- ▶ Jipprovd i-l-opportunità li tirrekluta minn firxa usa' ta' talent
- ▶ Inaqqas id-dawran tal-impjegati
- ▶ Inaqqas l-ispejjeż tas-saħħha fuq ix-xogħol
- ▶ Inaqqas l-assenzi tal-persunal,
- ▶ Itejjeb il-moral tal-persunal,
- ▶ Itejjeb il-fehim tal-klijenti li jwassal għal aktar klijenti,
- ▶ Impatt pożittiv fuq l-immaġni korporattiva,
- ▶ Jimminimizza r-riskji legali,
- ▶ Redditu ta' EUR 1,48 għal kull EUR 1 li jintnefaq,
- ▶ Iżid ir-rekwiżit għall-organizzazzjonijiet sħab,
- ▶ Daqs dejjem jikber tas-suq għaliex persuna 1 minn kull 3 persuni tinħakem minn xi diżabilità bejn l-età ta' 50 u 65 sena.

<sup>1</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32000L0078>; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32000L0043>

<sup>2</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52014DC0002>

<sup>3</sup> <https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Surveyc/getSurveyDetail/instruments/SPECIAL/surveyKy/2077>

<sup>4</sup> EUROSTAT EU SILC analizzat minn ANED: <https://www.disability-europe.net/downloads/1045-europe-2020-data-people-with-disabilities-tables-eu-silc-2017>

**IR-RATA TA' IMPJIEG SKONT  
L-STATUS TA' DIŻABILITÀ U  
L-STAT MEMBRU (ETÀ 20-64)**

**Sors tad-data:  
EU SILC 2017 kif analizzat mill-ANED.**

# 2017


	<b>DIŻABILITÀ</b>		
	<b>IVA</b> <b>%</b>	<b>LE</b> <b>%</b>	<b>Distakk</b> (f'punti perçéntwali)
<b>AT</b>	56,3	76,9	<b>20,6</b>
<b>BE</b>	42,5	74,4	<b>31,8</b>
<b>BG</b>	39,5	73,7	<b>34,2</b>
<b>CY</b>	47,3	71,0	<b>23,7</b>
<b>CZ</b>	49,4	79,1	<b>29,7</b>
<b>DE</b>	51,8	79,4	<b>27,7</b>
<b>DK</b>	57,7	80,8	<b>23,1</b>
<b>EE</b>	62,2	83,0	<b>20,8</b>
<b>EL</b>	36,7	59,7	<b>23,0</b>
<b>ES</b>	40,1	67,6	<b>27,5</b>
<b>FI</b>	54,4	74,4	<b>20,0</b>
<b>FR</b>	55,5	74,0	<b>18,6</b>
<b>HR</b>	33,8	65,9	<b>32,2</b>
<b>HU</b>	46,7	76,1	<b>29,5</b>

	<b>DIŻABILITÀ</b>		
	<b>IVA</b> <b>%</b>	<b>LE</b> <b>%</b>	<b>Distakk</b> (f'punti perçéntwali)
<b>IE</b>	32,2	74,3	<b>42,2</b>
<b>IT</b>	51,8	65,5	<b>13,7</b>
<b>LT</b>	47,3	79,2	<b>31,9</b>
<b>LU</b>	53,0	68,9	<b>16,0</b>
<b>LV</b>	61,8	78,9	<b>17,1</b>
<b>MT</b>	37,2	73,6	<b>36,5</b>
<b>NL</b>	58,5	81,5	<b>23,0</b>
<b>PL</b>	42,5	74,5	<b>32,0</b>
<b>PT</b>	56,1	75,0	<b>18,9</b>
<b>RO</b>	43,7	74,3	<b>30,6</b>
<b>SE</b>	52,6	83,5	<b>30,9</b>
<b>SI</b>	53,7	73,5	<b>19,8</b>
<b>SK</b>	57,7	80,0	<b>22,4</b>
<b>UK</b>	52,9	83,4	<b>30,5</b>



L-għan ta' din il-Gwida huwa li **ttejjeb il-fehim ġenerali dwar xi tfisser akkomodazzjoni raġonevoli u kif din tiġi implimentata**. Il-Gwida tiffoka spesifikament fuq l-akkomodazzjoni raġonevoli u d-diżabilità u se tenfasizza wħud mill-benefiċċi li jiġu impjegati persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ. Sa ġertu punt, se tieċċara kif għandhom jiġu indirizzati l-isterjotipi u l-kunċetti żbaljati l-aktar komuni dwar l-ispejjeż, jew il-kumplikazzjonijiet biex wieħed jipprovd akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità.

Il-Gwida turi prattiki promettenti minn madwar l-UE ta' impjegaturi pubbliċi u privati impenjati li diġà jappoġġjaw l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità permezz ta' diversi miżuri u viżjoni kbira ta' kif joħolqu ambjent tax-xogħol varjat u flessibbli. Kollha kemm huma jaqblu fuq ħaġa waħda: il-fatt li jkun hemm persuni b'diżabilità fl-uffiċċi u fil-kumpaniji tagħhom hija sitwazzjoni fejn kulħadd jibbenefika minnha. Fl-aħħar nett, nisperaw li il-Gwida tispira lil impjegaturi oħrajn biex jimpjegaw aktar persuni b'diżabilità u jsibu soluzzjonijiet biex jipprovd uhom b'akkomodazzjoni raġonevoli.



## ► X'TIP TA' DISKRIMINAZZJONI TEŻISTI FUQ IL-POST TAX-XOGħOL?

### HEMM DIVERSI SITWAZZJONIJET KOPERTI MIL-LIĠI TAL-UE:

- ▶ Id-**diskriminazzjoni diretta** hija meta l-impiegatur jittrattak agħar minn xi ħadd ieħor f'sitwazzjoni simili, abbażi tal-età, tas-sess, tad-disabilità, tal-oriġini etnika jew razzjali, tar-reliġjon jew tat-twemmin, jew tal-orientazzjoni sesswali. *Eżempju ta' dan huwa li wieħed jirrifuta li jirrekluta lil xi ħadd għax għandu aktar minn 50 sena.*
- ▶ Id-**diskriminazzjoni indiretta** hija fejn prattika, politika jew regola li tapplika għal kulħadd ikollha effett negattiv fuq xi nies. Dawn il-miżuri jidhru newtrali mal-ewwel daqqa t'għajnej, iżda fil-fatt jiddiskriminaw kontra ċerti persuni. *Pereżempju, l-implimentazzjoni ta' regoli li mhumiex favorevoli għall-ħaddiema part-time jistgħu jiddiskriminaw indirettament kontra n-nisa peress li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema part-time huma nisa.*
- ▶ Il-**fastidju** huwa forma oħra ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Din hija mġiba mhux mixtieqa, bullying jew imġiba oħra li għandha l-għan jew l-effett li toħloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. *Pereżempju, jekk l-imgħalleml jew xi kollegi jgħidu ċajt abbażi tal-orientazzjoni sesswali lil xi kollega omosesswali/lesbjana tagħhom.*
- ▶ L-**istruzzjoni** għad-diskriminazzjoni hija meta persuna tinċiċta persuna oħra biex tiddiskrimina kontra xi ħadd ieħor. *Pereżempju, jekk l-impiegatur jitlob aġenzija tax-xogħol temporanju biex issib biss ħaddiema taħbi l-40 sena.*
- ▶ Il-**vittimizzazzjoni** hija fejn in-nies isofru konsegwenzi negattivi b'reazzjoni għal ilment dwar id-diskriminazzjoni. *Pereżempju, jekk xi ħadd tkeċċa jew ġie rrifutat promozzjoni minħabba li ressaq ilment ta' diskriminazzjoni kontra l-imgħalleml tiegħi.*

# X'INHI AKKOMODAZZJONI RAĠONEVOLI?



**Akkomodazzjoni raġonevoli** hija kwalunkwe bidla f'impieg jew f'ambjent tax-xogħol li hija meħtieġa sabiex persuna b'diżabilità tkun tista' tapplika, twettaq u tavanza fil-funzjonijiet tax-xogħol, jew tikseb taħriġ fuq bażi ugħali ma' ħaddieħor. L-iskop ta' akkomodazzjoni raġonevoli huwa li tippermetti lill-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għal impieg, jipparteċipaw fih jew javvanzaw fih. B'hekk, l-impiegat b'diżabilità jistgħu jiksbu l-istess riżultati tax-xogħol u jkollhom opportunitajiet indaqs bħall-impiegati mingħajr diżabilità, billi jagħmlu l-affarijiet b'mod xi fit differenti.

L-akkomodazzjoni raġonevoli hija mmirata lejn kwalunkwe impiegat b'diżabilità. Id-dritt għal akkomodazzjoni raġonevoli jestendi għall-aktivitajiet kollha relatati max-xogħol koperti mid-dritt tal-UE, mill-proċess tal-applikazzjoni għax-xogħol sat-terminazzjoni, u jinkludi l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benefiċċċi supplimentari. Jekk għandek xi diżabilità u temmen li teħtieġ

## X'TGĦID IL-LIĠI?

Skont id-**Direttiva tal-UE dwar l-Ugwaljanza fl-Impiegati**, l-impiegaturi għandhom jipprovdha akkomodazzjoni raġonevoli lill-impiegati b'diżabilità, **sal-punt li dan ma jimponix piż sproporzjonat fuq l-impiegatur**. Din tistabbilixxi dmirrijiet ta' akkomodazzjoni raġonevoli, li jistgħu jinkludu soluzzjonijiet tekniċi bħall-provvista ta' tagħmir. Skont id-Direttiva, akkomodazzjoni raġonevoli tfisser li:

**“Dawk li jħaddmu għandhom jieħdu miżuri appropriati, meta meħtieġa f'każ partikulari, biex jippermettu persuna b'diżabilità li jkollha aċċess għal, u tipparteċipa fil-, jew tavanza fl-impieg, jew titħarreġ, sakemm dawn il-miżuri ma jimponux piż sproporzjonat fuq min iħaddem. Dan il-piż ma jitqiesx sproporzjonat meta jiġi mnaqqas bizzżejjed permezz ta' miżuri li jkunu jeżistu fil-qafas tal-politika dwar diżabilità fl-Istat Membru kkonċernat.**

(L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE)

L-akkomodazzjoni raġonevoli hija wkoll obbligu skont il-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)**, li tagħha l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha huma partijiet. Il-Konvenzjoni tiddefinixxi akkomodazzjoni raġonevoli bħala:

**“Modifikasi u aġġustamenti meħtieġa u xierqa li ma jimponux piż sproporzjonat jew mhux dovut, fejn meħtieġ f'każ partikolari, biex jiżguraw li persuni b'diżabilità jgawdu jew jeżerċitaw fuq bażi ugħali ma' oħra jn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha.”**

(Artikolu 2 UNCRPD).

# X'AKKOMODAZZJONI TISTA' TIĠI OFFRUTA?

It-tipi ewlenin ta' akkomodazzjoni raġonevoli jinkludu soluzzjonijiet tekniċi, arranġamenti tax-xogħol, miżuri ta' taħriġ u miżuri ta' sensibilizzazzjoni.

Is-soluzzjonijiet tekniċi jistgħu jinkludu:

- ▶ L-installazzjoni ta' lifts jew rampi,
- ▶ It-tqeqħid tal-għamara tal-uffiċċju f'għoli xieraq,
- ▶ L-installazzjoni ta' software tal-komputer bħal apparat li jaqra l-iskrin, lentijiet li jkabbru l-iskrin jew software li jagħraf id-diskors, eċċ.,
- ▶ Il-provista ta' terminals bil-Braille,
- ▶ L-installazzjoni ta' interpretazzjoni f'ħin reali permezz tat-telekomunikazzjoni.

Huwa importanti li wieħed jinnota li akkomodazzjoni raġonevoli tikkomplementa l-miżuri ta' aċċessibbiltà u meta l-aċċessibbiltà tkun digħi għarġantita, l-arraġġament ta' akkomodazzjoni raġonevoli, f'dak li jirrigwarda apparat tekniku huwa ġafna aktar semplice u jiswa anqas flus.

## IDEAT ŻBALJATI DWAR L-AKKOMODAZZJONI RAĠONEVOLI

- ▶ Normalment tiswa ġafna flus.
- ▶ Il-proċess biex tiprovd i-l-akkomodazzjonijiet għall-impiegati b'diżabilità huwa kkumplikat.
- ▶ L-ġħarien espert speċjalizzat huwa dejjem meħtieġ biex wieħed ikun jista' jippjana u joffri akkomodazzjoni raġonevoli.
- ▶ Mhixiex priorităt għat-tmexxija ewlenja tal-kompanija li timpjega persuni b'diżabilità.
- ▶ L-impiegjar ta' persuni b'diżabilità jid ir-riskji għas-saħħha u s-sigurtà.

Kažiġiet oħra ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu relatati ma':

- ▶ **Arranġamenti tax-xogħol**, bħal billi jiġu offruti hinnej tax-xogħol flessibbli, it-teleworking, il-leave, ir-rilokazzjoni għal uffiċċju ġdid jew ir-riallkazzjoni għal impieg differenti jekk dan jintalab mill-impiegat.
- ▶ **Taħriġ** li jighin lill-impiegati jużaw teknoloġija ta' assistenza meta jkunu fuq ix-xogħol u **mentoraġġ** biex l-impiegati jkunu jistgħu jegħiġ kwalunkwe ostaklu li jiltaqgħu miegħu fuq il-post tax-xogħol.
- ▶ **Tibdil fil-proċeduri u fil-politiki**, bħaċ-ċentralizzazzjoni tas-sistema li permezz tagħha l-impiegati jistgħu jitolbu l-appoġġ għall-aċċessibbiltà.
- ▶ **Miżuri ta' sensibilizzazzjoni** sabiex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom f'ambjent tax-xogħol li jappoġġa lil dak li jkun.



## KAXXA TA' VERIFIKA: X'INHU "RAĠONEVOLI"?

- ▶ Se taħdem? Tindirizza l-ħtiġijiet partikolari tal-impiegat b'diżabilità?
- ▶ Hija prattika?
- ▶ Se tirriżulta fi spejjeż diretti u indiretti mhux sostenibbli għall-impiegatur?
- ▶ Jekk jiġġarrbu xi spejjeż, hemm riżorsi esterni (sussidji u għarfiens espert) disponibbli biex jappoġġaw lill-impiegaturi?
- ▶ Se tfixkel impiegati oħrajn milli jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom?
- ▶ Tista' ssir mingħajr implikazzjonijiet fuq is-saħħha u s-sikurezza?

# ► PRATTIKI PROMETTENTI BIEX PERSUNI B'DIŻABILITÀ JIĠU IMPJEGATI FIS-SUQ TAX-XOGħOL MIFTUĦ




**Din it-taqSIMA tal-Gwida tippreżenta**  
**I-prattiki promettenti li waslu bħala parti mill-kampanja #EUvsDiscrimination, wara d-diskussjonijiet imqanqla mal-impjegaturi matul l-avvenimenti nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni.**

Matul il-proċess tal-għażla kien aspett importanti li jiġu inklużi impjegaturi kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat. Dawn huma impjegaturi impejni, li reklutaw persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ u li digħi wrew tmexxija eċċeżżjoni fil-mod kif wieħed jista' jirnexxielu jipprovi akkomodazzjoni raġonevoli lill-impjegati b'diżabilità f'ambjenti tax-xogħol differenti.

Meta wieħed jaqra dawn il-prattiki promettenti, huwa ċar li bosta impjegaturi madwar l-Ewropa digħi huma impejnati biex joħolqu post tax-xogħol inklużiv billi jagħmlu xi aġġustamenti meħtieġa, minħabba li jikkunsidraw li r-rekluta ġgħi ta' persuni b'diżabilità tejjeb l-ambjent tax-xogħol u l-prestazzjoni tan-negozji tagħhom.

# A. EŻEMPJI MIS-SETTUR PUBBLIKU

- Lr-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità fi Bruxelles Environment (il-Belġju)
- L-impieg ta' persuni b'diżabilità intellettuali bħala ġaddiema taċ-ċivil fil-Gvern tal-Provinċja ta' Biscay (Spanja)
- L-impieg ta' persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu fl-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (l-Ungjerija)
- Pjan ta' diversità tad-Dipartiment tat-Tifi tan-Nar u tal-Għajnejha Medika Urġenti (SIAMU) fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (il-Belġju)
- L-implementazzjoni tal-pjan tad-diversità fil-Komunità ta' Uccle (il-Belġju)
- L-aġġustament ta' Uffiċċju tas-Servizz Pubbliku tal-Impiegji għall-ħtiġijiet ta' impjegat b'diżabilità (Franza)





# ► IR-REKLUTAĠĠ TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ FI BRUXELLES ENVIRONMENT (IL-BELĠJU)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

Minn Jannar 2018, *Bruxelles Environment* fittxet li tirrekluta persuni b'diżabilità għal kull tip ta' pożizzjoni (eż-żejjha fuq il-post, persunal amministrattiv, maniġerjali, mhux maniġerjali, eċċ.) taħt kuntratti differenti (kuntratti permanenti, kuntratti għal terminu fiss eċċ.). Hija introduċiet għadd ta' miżuri konkreti biex tiżgura r-reklutaġġ u l-integrazzjoni b'suċċess ta' impiegati b'diżabilitajiet:

- Fil-formoli ta' applikazzjoni għax-xogħol hemm inkluż dikjarazzjoni ċara u kaxxa ta' verifika, b'enfasi li Bruxelles Environment tixtieq tirrekluta persuni minn sfondi diversi bla ebda diskriminazzjoni u li persuni b'diżabilità jistgħu jitqabel akkommodazzjonijiet rāġonevoli;
  - Il-proċess ta' reklutaġġ jista' jiġi adattat biex jissodisa l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità (eż-żiġi interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjalji, adattamenti tat-testi);
  - Sar awditi komprensiv tal-aċċessibbiltà fl-uffiċċi tagħha li wassal biex saru l-adattamenti meħtieġa għall-integrazzjoni bla xkel tal-impiegati b'diżabilità;
  - Sar skambju ta' esperjenzi ma' amministrazzjonijiet pubbliċi oħra biex twessa' u ttejjeb il-politika tal-impiegati inklużiva tagħha;
  - Il-membri kollha tal-persunal irċehev komunikazzjoni bil-miktub dwar il-politika tal-impiegati inklużiva tal-organizzazzjoni u madwar 50 impiegat ipparteċipaw f'avveniment intern ta' sensibilizzazzjoni.
- Bruxelles Environment* irrikonoxxiet li hemm interess professionali reali fir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità. Meta tkun qed tirrekluta xi ħadd b'diżabilità, l-organizzazzjoni trid li l-integrazzjoni tiegħu tkun kemm jista' jkun mingħajr xkel f'ambjent nondiskriminatorju, rassikuranti u sensitiv.

## QASAM TA' ATTIVITÀ

- Ambjent/  
Amministrazzjoni pubblika

## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

- 5

## KUNTATT

[www.environnement.brussels](http://www.environnement.brussels)

Il-manġġment tal-organizzazzjoni huwa impenjat li jipprovd iappoġġ finanzjarju stabbli għall-impiegat ta' persuni b'diżabilità u li jipprovdilhom akkomodazzjoni raġonevoli (pereżempju fl-2018, l-ispīża tal-interpretażżjoni bil-lingwa bis-sinjalji kienet ta' EUR 30 000). L-ġħarfien tal-persunal huwa kruċjali biex ikunu inklużi impiegati b'diżabilità fit-tim, għalhekk meta ġardinar trux għie rreklutat fuq kuntratt indefinit, *Bruxelles Environment* organizzat 4 lezzjonijiet ta' nofstanh bil-lingwa tas-sinjalji Franċiża għall-kolleġi diretti tiegħu matul is-sigħat tax-xogħol b'kollaborazzjoni ma' assoċjazzjoni speċjalizzata.

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Il-persuni b'diżabilità ġeneralment ma jkunux irappreżentati bieżżejjed fost l-applikanti. Għalhekk, Bruxelles Environment tikkollabora ma' assoċċazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità u ma' forniti ta' servizzi fil-livell regionali biex issib kandidati xierqa. Madankollu, it-tim tar-riżorsi umani kelli jkun ippreparat bir-reqqa biex jiġiġudika kandidati b'diżabilità fuq il-ħiliet tagħhom biss, mingħajr ebda preġudizzju għad-diżabilità tagħhom.

Hemm ukoll għadd ta' sfidi amministrattivi. Pereżempju, Bruxelles Environment trid timpjega persuni b'diżabilità fuq kuntratt speċjali, iżda huwa diffiċli li tikkombina dawn l-arranġamenti mal-ispecifċitajiet tal-amministrazzjoni tagħha

stess. L-akkwist pubbliku jista' wkoll jagħmilha diffiċli li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli, pereżempju jekk interpretu tal-lingwa bis-sinjalji jkun jeħtieġ li jiġi kkuntrattat ta' malajr għall-proċess ta' reklutaġġ.

Il-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-bidla fil-mentalità hija proċess twil li għandu jseħħi f'livelli differenti. Is-sensibilizzazzjoni għandha tkompli anki diversi snin wara r-reklutaġġ ta' persuna b'diżabilità, jew ta' membri ta' kwalunkwe grupp vulnerabbi ieħor. Il-membri tal-personal iridu jifhmu li akkomodazzjoni raġonevoli mhijiex dwar li wieħed jiffavorixxi kandidat fuq ieħor, iżda hija miżura li tiżgura li l-kandidati jkollhom l-istess opportunitajiet biex jiproduċu l-istess riżultat.



“ Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-impieg ta' xi ħadd b'diżabilità muwiex proġett ta' karită għal Bruxelles Environment, iżda jīġi valur miżjud reali għall-organizzazzjoni.

Il-proġett se jkompli jiżviluppa aktar fil-futur qrib, permezz ta' kollaborazzjoni aħjar ma' amministrazzjonijiet regionali oħra, koeżjoni akbar bejn servizzi ta' appoġġ differenti, investimenti intern f'dan il-qasam (kemm f'termini umani kif ukoll finanzjarji) u permezz ta' sensibilizzazzjoni kontinwa.



# SPANJA



## ► L-IMPJIEG TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ INTELLETTWALI BHĀLA ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL **FIL-GVERN TAL-PROVINĊJA TA' BISCAY (SPANJA)**

### ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

Il-Gvern tal-Provinċja ta' Biscay għandu esperjenza twila fl-impjieg ta' persuni b'diżabilità, īnfiekk għal persuni b'diżabilità intellettuali. Għalhekk, fl-2017, il-Gvern approva offerta ta' impjieg pubbliku għal ġames postijiet tal-persunal tas-servizzi mmirati lejn persuni b'diżabilità intellettuali.

#### QASAM TA' ATTIVITÀ

- Amministrazzjoni pubblika

#### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

- 5

#### KUNTATT

<https://web.bizkaia.eus>

L-ġħan tas-sejħa kien ir-reklutaġġ ta' ġħames impiegati taċ-ċivil permezz ta' proċess ta' reklutaġġ standard, iżda adattat, f'diversi stadiji. L-ġħan ġenerali kien li tiġi appoġġata l-inklużjoni soċjali u fis-suġġ tax-xogħol tal-persuni l-aktar żvantaġġati. L-ispeċifiċità ta' din is-sejħa kienet teħtieġ li l-Gvern jadotta modi ġoddha ta' ħidma, inklużi arranġamenti aktar flessibbli. L-impenn politiku kellu rwol fundamentali biex din l-inizjattiva tirnexxi. Il-Gvern irċieva total ta' 281 applikazzjoni, li minnhom ġħames persuni ġew reklutati u 146 persuna ġew miżjudha f'bank tax-xogħol, għal aktar opportunitajiet potenzjali.



Il-proċess ta' reklutaġġ kellu erba' fażijiet distinti, b'kull waħda kellha rwol ewljeni fil-kisba ta' riżultati pożittivi:

- 1. Il-fehim tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali:** L-eliminazzjoni tal-preġjudizzji u tal-isterjotipi eżistenti, it-taħriġ tal-persunal tar-riżorsi umani dwar kif għandu jħejji d-dokumentazzjoni tas-sejħa b'mod faċċi biex tinqara, taħriġ intern fis-sensibilizzazzjoni, l-involviment ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali fil-proċess kollu.
- 2. L-organizzazzjoni tal-proċess ta' reklutaġġ b'mod aċċessibbli:** Intuża proċess standard ta' reklutaġġ biex ikun konformi mar-rekwiżiti legali kollha għad-dħul f'pożizzjoni ta' impieg pubbliku, iżda ġie adattat għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali. Minbarra l-ġħoti ta' informazzjoni f'format aċċessibbli, kien importanti wkoll li jiġu żgurati s-salvagwardja u l-mentoraġġ matul il-proċess kollu, kif ukoll li jiġi pprovdut ambjent kalm u sikur (pereżempju, l-għażla ta' ċentru tal-eżamijiet imdawwal u faċċi biex jinkiseb aċċess għalih bit-trasport pubbliku).
- 3. L-ġħoti ta' appoġġ adegwat:** Ġie ffirmat ftehim ta' sħubija ma' entitajiet terzi biex il-kandidati li jintgħażlu jiġu appoġġati b'taħriġ u mentoraġġ dwar l-impieg.
- 4. Id-ħħul fl-impieg u t-taħriġ tal-induzzjoni:** Il-kandidati magħżula jistgħu jieħdu sehem f'diversi żjarat, flimkien mal-familji tagħhom u mal-kowċijs tax-xogħol biex jitgħallu dwar il-post tax-xogħol u jattendu sessjonijiet ta' taħriġ. Intgħażel punt ta' kuntatt għal kull wieħed minnhom fid-dipartimenti rispettivi tagħhom biex jipprovdni appoġġ direkt. Matul il-laqgħa ta' induzzjoni, il-kandidati kollha maħtura ffirmaw id-dokumenti meħtieġa biex jidħlu fis-servizz ċivili, imħejjija f'format faċċi biex jingħaq.

**Sal-lum, il-ħames persuni b'diżabilità intellettuali reklutati jwettu q'b'suċċess il-kompli tagħhom u integrar tajeb fit-timijiet tagħhom. Għalhekk, il-proġetti jimmarka l-bidu ta' approċċ differenti u verament inklużiv lejn l-ġħoti ta' opportunitajiet ta' impieg bħala ħaddiema taċ-ċivil għall-persuni kollha b'diżabilità.**

## INĦARSU LEJN IL-FUTUR

L-inizjattiva tal-Gvern tal-Provinċja ta' Biscay digħà r-ċeviet diversi għotjet u premijiet għall-koperazzjoni tiegħi mat-tielet settur u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet intellettuali fi Spanja. Huwa mudell ta' suċċess, rakkommandat lill-awtoritajiet pubbliċi l-oħrajn biex jadottaw.

L-isfidi ewlenin matul l-implementazzjoni tal-proġett kienu fil-biċċa l-kbira operattivi u attitudinali. L-isterjotipi eżistenti, in-nuqqas ta' protokoli biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilitajiet intellettuali, kif ukoll il-kumpliessità tal-ħolqien ta' proċess ta' reklutaġġ kalm u amikevoli kienu l-kwistjoniċċi ewlenin li kellhom jiġi indirizzati.

Għas-sostenibbiltà fit-tul ta' din l-inizjattiva, huwa importanti li tinżamm rabta mill-qrib mal-midja, li jinxterdu r-riżultati u li jintwera li l-persuni b'diżabilitajiet intellettuali jistgħu jiġi integrati bis-shiħi fl-impiegji tal-amministrazzjoni pubblika. Huma jimmiraw ukoll li jtebj aktar il-proċess, abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni u li jifθu aktar pożizzjonijiet f'livelli differenti tal-amministrazzjoni, mhux biss f'livell aktar baxx.



# L-UNGERIJA



## ► L-IMPJEG TA' PERSUNI FUQ L-ISPETTRU TAL-AWTIŻMU FL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI GĦALL- ĠUDIKATURA (L-UNGERIJA)

# ĠUDIKATURA (L-UNGERIJA)

### ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

Fl-2013, wara l-istabbiliment tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura fl-Ungerja, il-manġġement kellu għan ċar li jinvolvi membri bi kwalifikati għoljin ta' grupp żvantaġġġat fil-ħidma tal-Uffiċċju. Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa, huma kkuntattjaw lill-Assoċjazzjoni AURA (<https://www.auraegyesulet.hu>), NGO minn isfel għal fuq, b'esperjenza vasta fl-appoġġ tal-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu.

#### QASAM TA' ATTIVITÀ

- Maġistratura

#### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

- 7

#### KUNTATT

<https://birosag.hu>

L-ġħan kien li jinstabu kandidati xierqa, bl-għajjnuna tal-AURA għal kompeti speċifiċi, inklużi l-iffajljar, l-arkivjar, il-ġestjoni ta' dokumenti arkivjati, id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti u s-servizz ta' kunsinna interna, fost oħrajn. Dawn il-kompeti ġeneralment jitqiesu ripetittivi; għalhekk, dejjem kien diffiċċi li jinstabu membri tal-persunal bl-isfond edukattiv meħtieġ (grad minimu ta' skola għolja) u l-motivazzjoni biex jibqgħu fuq dan ix-xogħol. L-ġħażla, l-evalwazzjoni u t-taħriġ tal-kandidati fuq l-ispettru tal-awtiżmu saru mill-AURA. Mentors mill-AURA attendew l-intervisti tax-xogħol u għenu lill-kandidati magħżula biex jidraw fil-pożizzjonijiet il-ġoddha tagħihom. Huma taw ukoll parir lill-Ġudikatura dwar kif jista' jinħoloq ambient tax-xogħol aċċessibbli u li jiffavorixxi l-awtiżmu, pereżempju billi jinħolqu stazzjonijiet tax-xogħol speċjali.



◀ Membri tal-personal fuq l-ispettru tal-awtiżmu fil-qorti tar-Reġistru ta' Budapest, flimkien mal-maniġer tal-linja tiegħi u l-konsulent tiegħi. ©AURA Association

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

L-involviment ta' NGO esperta kien kruċjali għall-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proġett. L-AURA aġixxiet ukoll bħala medjatur f'sitwazzjonijiet li kienu jeftieġu riżoluzzjoni ta' kunflitti bejn l-impiegatur u l-membri l-ġoddha tal-personal. Fl-esperjenzi tal-AURA, in-nuqqas ta' miżuri xierqa ta' akkomodazzjoni raġonevoli ħafna drabi wassal għat-telf ta' impiegji ta' nies fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, hemm mezzi faċċi biex jiġi solvut in-nuqqas ta' ftehim u biex in-nies jingħataw l-appoġġ meħtieġ. Miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'dan il-proġett kien jinkludu aktar flessibbiltà rigward il-bidu tal-jum tax-xogħol jew il-possibbiltà ta' pawżi aktar regolari biex l-impiegati jistrieħu.

Il-membri tal-personal tal-ġudikatura attendew ukoll sensiela ta' sessionijiet ta' taħriġ biex jitħejew sabiex jilqgħu lill-kolleġi l-ġoddha u jegħi lu kwalunkwe sterjotip eżistenti. Sa mir-reklutaġġ tagħhom, ingħatat attenzzjoni speċċali biex il-membri tal-personal fuq l-ispettru tal-awtiżmu jiġu involuti bis-shiħi fl-attivitàjet soċjali tal-Uffiċju wkoll (pereżempju ċelebrazzjonijiet tal-Milied, ġranet ta' formazzjoni tat-timijiet eċċ.).

Sa mill-bidu tal-proġett, l-organizzazzjonijiet membri tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, bħall-Qorti tar-Reġistru f'Budapest, jew il-Qorti Distrettwali Ċentrali f'Buda, ingħaqdu wkoll mal-inizjattiva u issa jimpiegaw b'kollo seba' persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Il-proġett għen lill-parteċipanti biex jiksbu impieg stabbli u mħallas tajjeb fis-settu pubbliku, isiru kontribwenti u jaffordjaw li jgħixu b'mod indipendentni.

L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura jqis il-proġett tiegħi bħala praktika promettenti u jemmen li persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu jistgħu jikkontribwi wkoll għall-ħidma ta' ufficċċi oħra tal-amministrazzjoni pubblika fl-Ungjerja. Ġew organizzati diversi workshops biex ikun hemm involviment mal-maniġment ta' diversi awtoritatjiet pubbliċi, bħala parti mir-responsabbiltà soċjali korporattiva tagħihom. Il-Ġudikatura tirrakkomanda lil impiegatū pubbliċi oħrajn biex jidentifikaw għal liema kompeti speċifiċi jeftieġu membri ġodda tal-personal u biex jivvalutaw jekk hemmx grupp speċifiku ta' persuni b'diżabilità li jista' jiġi mħarreġ u impiegat għal dak ir-rwol. L-involviment ta' NGO esperta huwa garanzija għal reklutaġġ, taħriġ u induzzjoni bla xkel. L-attitudni pożittiva tal-personal eżistenti hija importanti wkoll biex tiġi żgurata integrazzjoni tajba fit-timijiet.



# ► PJAN TA' DIVERSITÀ TAD-DIPARTIMENT TAT-TIFI TAN-NAR U TAL-GħAJNUNA MEDIKA URġENTI (SIAMU) FIR-REĠJUN TA' BRUSSELL-KAPITALI (IL-BELĠJU)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

Sa mill-2013, id-Dipartiment tat-Tifi tan-Nar u tal-Ġħajnuna Medika Urġenti (SIAMU) għandu fis-seħħi pjan ta' diversità biex jeqred l-isterjotipi dwar il-persuni b'diżabilità (imġedded kull sentejn).

Il-Karta dwar id-Diversità tal-SIAMU kienet l-ewwel pass biex jiġu stabbiliti valuri tal-kumpanija li jirrispettaw id-diversità u d-differenzi. Illum, fl-SIAMU, 10 minn 250 persunal amministrattiv għandhom rikonoxximent tad-diżabilità federali u/jew reġjonali. Barra minn hekk, 4 mill-ħaddiema tat-tifi tan-nar għandhom ukoll diżabilità u proċedura ġidha ta' assenazzjoni mill-ġdid se tippermetti appoġġ aħjar għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar b'diżabilità.

L-organizzazzjoni temmen li dak li l-aktar jgħin biex jingħelbu l-isterjotipi huwa li tibda taħdem ma' persuni b'diżabilità. Maniġer tad-Diversità impenjat għandu rwol ewljeni fl-inklużjoni b'suċċess ta' persuni b'diżabilità, kif ukoll fl-involviment kemm tal-partijiet konċernati interni kif ukoll esterni u tas-servizzi.

Barra minn hekk, il-pjan għad-diversità tal-SIAMU jinkludi miżuri biex titqajjem il-kuxjenza tar-residenti ta' Brussell b'diżabilità dwar il-proċedura ta' evakwazzjoni meta dawn jattendu avvenimenti pubbliċi.

Ittieħdu diversi miżuri li jappoġġjaw l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fix-xogħol tal-SIAMU:

- Involviment kontinwu ma' persuni b'diżabilità fil-qafas amministrattiv u tekniku tal-SIAMU;
- Il-provvista ta' infrastruttura aċċessibbli għal persuni b'diżabilità (lifts, parkeġġ, faċilitajiet sanitari, ftuħ ta' bibien, eċċ.);
- L-għoti ta' forom differenti ta' akkomodazzjoni raġonevoli lill-impiegati b'diżabilità;

## QASAM TA' ATTIVITÀ

- Ĝħajnuna medika urġenti (trasport tal-ambulanza) u t-tifi tan-nar

## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

- 10 persunal amministrattiv u 4 persunal tat-tifi tan-nar

## KUNTATT

[be.brussels/siamu/a-propos-du-siamu](http://be.brussels/siamu/a-propos-du-siamu)

- L-iżgurar ta' integrazzjoni tajba permezz ta' sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-persunal;
- Kollaborazzjoni mas-servizz ta' appoġġ estern għal persuni b'diżabilità (Diversicom) ibbażata fuq ftehim annwali;
- L-inklużjoni tad-diversità, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tad-diżabilità fi pjanijjiet annwali differenti tad-dipartimenti u s-servizzi tal-SIAMU.

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Għall-SIAMU, element ewleni huwa li jinħoloq ambjent ta' appoġġ sa mill-proċess ta' reklutaġġ, li fih il-membri tal-persunal iħossuhom imħeġġin jgħidu jekk għandhomx xi diżabilità jew le, inklużi diżabilitajiet inviżibbli (eż. problemi ta' saħħa mentali). L-għarrien tal-ħtiġijiet individwali ta' membri ġoddha tal-persunal u s-sensibilizzazzjoni tat-tim tar-Riżorsi Umani jiffaċilitaw l-impieg ta' dan il-grupp.

Madankollu, huwa essenzjali li l-bini tal-uffiċċi tal-SIAMU jkompli jsir aċċessibbli għal kollox. Huwa wkoll meħtieġ li l-membri kollha tal-persunal jiġu infurmati aħjar dwar id-diversi regoli ta' rikonoxximent u assistenza, speċjalment għal dawk li ma jkunux konxji li għandhom diżabilità, jew li ma jaħraf li jkollhom aċċess għar-rikonoxximent jew l-assistenza.





# ► L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-PJAN TAD-DIVERSITÀ FIL-KOMUNITÀ TA' UCCLE (IL-BELĠJU)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

Wara digriet reġionali, il-Muniċipalità ta' Uccle kienet obbligata toħloq Pjan tad-Diversità sabiex telimina kwalunkwe diskriminazzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni. Minn Frar 2017, l-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-Belġju huma obbligati wkoll li jilħqu kwota ta' 2,5 % biex jirreklutaw ħaddiema b'diżabilità.

Bħala l-ewwel pass, il-Muniċipalità ta' Uccle ġadet azzjoni interna ta' sensibilizzazzjoni fost l-impiegati kollha u ta' tħejjija biex jilqgħu lill-kolleġi b'diżabilità. Bħala parti mill-kampanja Ewropea "Duoday", il-persuni b'diżabilità bdew billi ħadu sehem fi programm ta' internship qasir (tul ta' bejn jum u 20 jum) biex jieħdu l-ewwel idea ta' xogħol f'wieħed mid-dipartimenti tal-Muniċipalità, flimkien ma' turut iddedikat.

Kien hemm kollaborazzjoni qawwija bejn il-Muniċipalità ta' Uccle u Phare (Korp reġjonali għall-persuni b'diżabilità fi Brussełl) biex jiġi identifikat liema profili ta' impiegji jistgħu jkunu miftuħin għall-kandidati b'diżabilità u liema tipi ta' aġġustament huma meħtieġa. Permezz ta' Phare u l-membri tiegħu (eż. Bataclan, InfoSound, Le Gué, Sisham), il-Muniċipalità ta' Uccle tista'

tilħaq kandidati potenzjali ħafna aktar faċilment għal profili speċifiċi ta' xogħol u tagħtihom kuntratt għal programm ta' internship. Wara l-internship, il-kandidati jistgħu jiġi offruti Kuntratt ta' Adattament Professionali (CAP) ta' sena li jista' jiġedded għal sena oħra. Il-problema tal-CAP hija li l-persuni mhumiex intitolati għal liv imħallas, u lanqas għal liv tal-mard imħallas matul il-perijodu tal-kuntratti tagħhom.

Sa mill-bidu tal-programm, 2 persuni rċevew kuntratt regolari malli lestew il-programm ta' internship u s-sentejn ta' CAP. Bħalissa, 4 persuni qeqħdin jieħdu sehem fil-programm ta' internship u 8 impiegati b'diżabilità għandhom kuntratt CAP. Fl-aħħar 3 snin, kien hemm bidla sinifikanti fil-mentalità fost l-impiegati kollha tal-Muniċipalità, li issa jirrikonox Xu lill-kolleġi b'diżabbilità għall-

## QASAM TA' ATTIVITÀ

- Amministrazzjoni pubblika

## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

► 18

## KUNTATT

<http://www.uccle.be>

ħiliet tagħhom u għall-kontribut tagħhom għall-Muniċipalità. Il-persuni b'diżabilità wrew li huma membri siewja tat-tim u huma entu żgasti dwar ix-xogħol li jwettqu.

Djalgu kostanti bejn mentor maħtut u l-impiegati kien importanti biex jiġi żgurat li jidraw il-pożizzjonijiet il-ġoddha tagħhom mingħajr xkiel. Madankollu, tibqa' sfida għall-Muniċipalità ta' Uccle li ssib persuni b'diżabilità għal ċerti pożizzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni pożittiva, iżda bil-provvista ta' akkomodazzjoni raġjonevoli. M'hemm l-ebda trattament preferenzjali, jew postijiet riżervati għal persuni b'diżabilità fil-Muniċipalità, iżda l-għan huwa li jiġu impiegati nies, abbażi tat-taħrif u l-ħiliet tagħhom, taħt l-istess regoli applikati għal kulħadd.



Sergio, li ġie impiegat b'kuntratt b'terminu fiss wara l-integrazzjoni tiegħu fis-servizz tal-Posta. ©Il-Municipalitā ta' Uccle

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

It-triq tal-integrazzjoni hija waħda twila ħafna (mill-anqas sentejn) u m'hemm l-ebda garanzija li kulħadd se jiġi offrut kuntratt regolari. Peress li n-nies huma mħarrġa għal profili speċifiċi ta' xogħol, mhuwiex faċli li jiġu offruti kuntratt f'dipartiment ieħor, fl-istess uffiċċju amministrattiv muniċipali. Il-Municipalitā ta' Uccle tappoġġja l-ħolqien ta' pjattaforma reġjonali, li tlaqqa' lill-kandidati li jkunu temmew iċ-ċiklu ta' integrazzjoni professionali tagħihom biex tagħmilhom disponibbli għal amministrazzjonijiet oħrajn li jkunu qed ififtxu impiegati mħarrġa f'dawk il-profili speċifiċi ta' impjięgi.



# FRANZA

## ► L-AĠġUSTAMENT TA' UFFIĊĊU TAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-IMPJIEGI GħALL-ĦTIĠIET TA' IMPJEGAT B'DIŻABILITÀ (FRANZA)

### ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

L-Uffiċċju tas-Servizz Pubbliku tal-Impjegi f'Céret, belt żgħira fin-Nofsinhar ta' Franza, jimpjega persuna b'diżabilità fiżika, li qabel kienet taħdem għas-servizzi lokali tal-qgħad f'partijiet differenti ta' Franza mill-2009. Matul dawk is-snin, hija bniet karriera ta' suċċess fis-servizz pubbliku.

As an employment counsellor at the Public Bħala konsulent għall-impjegi fis-Servizz Pubbliku tal-Impjegi, xogħolha huwa li tgħin lil persuni qiegħda jirregjistraw fis-sistema Franċiża tal-qgħad u li t-informahom dwar is-servizzi tal-aġenċija. B'mod aktar spċificu, hi t-informa lin-nies dwar l-istatus tal-fajls tagħhom, tindirizza t-talbiet tagħhom, taċċelera u taġġorna l-fajls ta' kumpens tal-klijenti u qed taġixxi wkoll bħala punt ta' referenza għall-frodi tal-uffiċċju. Hijra qed timmaniġġja l-fajls ta' 350 persuna qiegħda fil-komunità.

Sabiex tkun tista' twettaq ix-xogħol tagħha, ġew introdotti diversi mżiuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli fl-uffiċċju ta' Céret. Hijha Itaqgħet ma' ergonomista, li ppjana b'attenzjoni l-ispazju fl-uffiċċju li huwa l-aktar xieraq għaliha (eż. skrivanja kbira adattata għas-siġġu tar-roti tagħha). Hijha rċeviet ukoll appoġġ finanzjarju biex is-sistema

tal-ftuħ tal-bibien tal-karozza tagħha tkun awtomatizzata u biex timmodifika l-aċċeleratur u l-brejk, imqiegħda fuq l-istering tagħha. Kif iddeksra l-maniġer tas-Servizz tal-Impjegi:

**Hija** ħadmet ħafna biex turi lil kulħadd, li l-persuni b'diżabilità jistgħu jagħmlu xogħol aħjar. **Hija** ddedikata ħafna biex tgħin lin-nies isibu impieg ġidid, verament tirsisti kontra l-qgħad.

Iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni fi ħdan is-Servizz tal-Impjegi wasslet ukoll għal titjb fiziż-żona tal-akkoljenza biex jintlaqgħu klijenti b'diżabilità. Pereżempju, il-komputers huma mqiegħda f'livell aktar baxx, u qħalhekk il-persuni qiegħda, bis-siġġiet tar-roti jistgħu jużawhom ukoll biex ifittx opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali fuq il-bażi tad-data taċ-ċentru tal-impjegi.

### QASAM TA' ATTIVITÀ

- Amministrazzjoni pubblika

### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

► 1

### KUNTATT

[www.pole-emploi.fr/annuaire/  
votre-pole-emploi/ceret-66400](http://www.pole-emploi.fr/annuaire/votre-pole-emploi/ceret-66400)



## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Dan l-eżempju juri li l-persuni b'diżabilità jistgħu wkoll jiġu impiegati f'amministrazzjonijiet iżgħar, jew f'kumpaniji b'anqas riżorsi disponibbli. Is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi f'Céret huwa konvint li stejjer ta'succcess bħal dawn għandhom jiġu kondiviżi b'mod wiesa', u għalhekk jappoġġja lill-impiegata tiegħi biex tmur għal avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel u fil-kumpaniji fejn il-fatt li tiltaqa' ma' impiegaturi jista' jikkontribwixxi direttament biex jingħelbu l-isterjotipi.

Il-kolleġi fis-Servizz tal-Impjiegi saru wkoll aktar miftuħin għal dawk il-persuni b'diżabilità li qed ifittxu xogħol peress li raw b'għajnejhom li d-diżabilità mhix jekkost u xi ħadd jista' jibni karriera ta'succcess. S'issa, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi Franċiż impjega 4 200 persuna minn madwar il-pajjiż (9 % tal-impiegati).

It-tim tar-riżorsi umani huwa impenjat fi-implementazzjoni ta' politika komprensiva dwar id-diżabilità b'bagħit ta' EUR 3,1 miljun, b'erba' assi ewleni:

- ▶ Network attiv ta' punti fokali reġjonali, inkarġati mid-diżabilità biex jikkollaboraw mill-qrib mal-aġenti;
- ▶ Dipartiment tal-IT iddedikat għas-soluzzjonijiet diġitali u għall-aċċessibbiltà;
- ▶ Azzjonijiet speċifiċi għad-diżabilità, bħal akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, aċċess għat-taħriġ, eċċ-;
- ▶ L-implementazzjoni ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-maniġers u l-ħaddiema f'setturi differenti.

Is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi f'Céret se jkomm jaħdem biex jelmina kull forma ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol għall-persunal tiegħi, kif ukoll għall-klijenti tiegħi.



# B. EŽEMPIJI MIS-SETTUR PRIVAT

- Katalogu ta' Aċċessibbiltà Inklużiva f'Shell Global/Shell Bulgaria EAD (il-Bulgarija)
- Ir-Riabilitazzjoni Vokazzjonali bħala servizz tar-Riżorsi Umani f'E.ON Hungary Ltd. (L-Ungaria)
- Pakkett ta' benefiċċji għall-impiegati b'diżabilità f'ING Bank Śląski S.A. (il-Polonja)
- L-użu tad-disinn biex jiġi appoġġat l-impieg ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali fir-Restaurant Le Reflet Nantes (Franza)
- It-taħriġ u l-impiegat ta' persuni b'diżabilità ma' negozju ġdid ta' żviluppatur tal-web Domino Dizajn d.o.o. (il-Kroazja)
- L-involviment ta' persuni b'diżabilità fid-dipartimenti kollha tal-fabrika tal-karti "JSC SMILTANIS IR KO" (il-Litwanja)
- L-intraprenditorija soċjali f'Etincelle o.s. biex tiġġieled l-isterjotipi u twitti t-triq għall-impiegati fis-suq tax-xogħol miftuħ (iċ-Ċekja)
- Intrapriża soċjali ta' suċċess biex tħarreġ persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ fi Grupo SIFU (Spanja)





# ► KATALOGU TA' AĊĊESSIBILTÀ INKLUŻIVA F'SHELL GLOBAL/SHELL BULGARIA EAD (IL-BULGARIJA)\*

\* Din il-prattika promettenti għiet ippreżentata minn Shell Bulgaria, iżda tirrappreżenta inizjattiva ta' Shell Global.

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

**Is-servizz tal-Aċċessibbiltà Globali fuq il-Post tax-Xogħol (WPA) ta' Shell jippermetti lill-impiegati jitkolu aġġustamenti fizċi sabiex jitneħħew l-ostakli fuq il-post tax-xogħol tagħhom.**

L-inizjattiva tnediet bejn l-2016 u l-2018 f'36 pajiż minn madwar l-Ewropa, l-Asja, u l-Kontinent Amerikan, u tkopri madwar 50 000 membru tal-persunal fi 83 post ta' Shell. Shell Bulgaria introduċiet dan is-servizz għas-70 impiegat tagħha reċentement. Id-WPA għettab stabilità permezz ta' shubja b'saħħiha u kollaborazzjoni transsettorjali bejn id-dipartimenti tal-IT, tal-Proprietà Immobbli, tas-Saħħha u tar-Riżorsi Umani.

Karatteristika ewlenija fis-servizz hija Katalgu għall-Aċċessibbiltà komprensiv ta' għamara, aċċessorji, hardware u software tal-IT aċċessibbli, li minnu l-impiegati jistgħu jordnaw direttament. Il-katalgu huwa faċċi biex jintuża u jipprovi informazzjoni ċara dwar kull oġġett disponibbli. Il-vantaġġ ewlieni ta' dan il-katalgu huwa li għie mfassal b'mod inklużiv, u għalhekk l-impiegati m'għandhomx bżonn jagħtu

prova tal-istatus ta' diżabilità tagħhom. Huma jistgħu jordnaw direttament minn dan il-katalogu, mingħajr l-approvazzjoni tal-maniġer tal-linjal tagħhom, peress li l-oġġetti huma ffinanzjati mill-baġijs ċentrali jew tas-sit partikolari. Dan inbidel minn approċċ mediku għal approċċ ibbażat fuq il-fiduċja, iffukat fuq il-persuna fir-rigward tad-diżabilità u l-ħtiġijiet individwali b'mod ġenerali. B'dan il-punt uniku ta' dħul, il-membri tal-persunal jistgħu jsolu malajr kwistionijiet ta' aċċessibbiltà fuq il-post tax-xogħol.

Ġie stabbilit ukoll Ċentru ta' Aċċessibbiltà biex konsulenti anzjani tar-riżorsi umani jipprovdu informazzjoni u pariri lill-impiegati kollha. Huma għandhom ukoll rwol ewleni waqt ir-reklutaġġ ta' membri ġoddha tal-persunal, flimkien mal-punti fokali dwar id-diżabbiltà (maħturin f'postijiet differenti ta' Shell) biex jiżguraw li l-ħtiġijiet jiġu evalwati b'mod

## QASAM TA' ATTIVITÀ

► Enerġija (Downstream and Upstream)

## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPIEGATI

► Mhux applikabbli

## KUNTATT

<https://www.shell.bg>

adegwat u indirizzati sa meta l-persuni jassumu r-rwol il-ġidid tagħhom. Shell tqis li huwa importanti wkoll li l-ħin kollu tikkomunika (eż. permezz ta' bulletini interni, laqgħat tal-persunal, eċċ.) dwar dan is-servizz u l-organizzazzjonijiet tal-pajjiżi ta' spiss ifakkru u jinkoraġġixu lill-impiegati biex jużawh.

Sal-lum, is-servizz tad-WPA irċieva aktar minn 1 500 talba ta' aġġustament permezz tal-pjattaforma online u ġ-Ċentru tal-Aċċessibbiltà (50 % fl-Ewropa). L-impiegati li diġà użaw is-servizz kellhom respons pożittiv, bħal membru tal-persunal fl-uffiċċju Bulgaru:

**“ Kont kuntent ħafna b'dan is-servizz u l-aġġent seta' joffri prodott xieraq li wasal fil-ħin. Il-prodott għamel differenza kbira fil-kapaċită tiegħi li naħdem mingħajr uġiġ u jien grat għall-introduzzjoni ta' dan is-servizz. Inqis u bħala suċċess kbir. ”**



## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Shell hija konvinta li l-provvediment ta' ambient tax-xogħol aċċessibbli u inklużiv huwa l-aħjar ħaġa li għandha ssir u jagħmel każ kummerċjali tajjeb. L-impiegati japprezzaw post tax-xogħol mingħajr ostakli u l-impenn tagħhom se jagħti spinta lill-prestazzjoni tal-kumpanija kollha.

“ Shell hija kburija li hija waħda mill-ewwel kumpaniji multinazzjonali li żviluppat proċess verament globali fl-indirizzar tal-aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol għall-impiegati. Huwa importanti li nerfasizzaw kif is-servizz ta' aċċessibbiltà tagħna għandu l-għan li jinkludi kollo u lil kulħadd, permezz ta' proċess li mhuwiex mediku, iżda bbażat fuq il-fiduċja.

Shell hija lesta li taqsam il-mudell tagħha tas-servizz standard ta' aċċessibbiltà fuq il-post tax-xogħol ma' impiegaturi oħrajn minn madwar id-dinja.



### YOU DON'T HAVE TO SEARCH FAR – EVERYTHING IS IN ONE PLACE

- Visit the [HR Online Workplace Accessibility Page](#) if you need tools, services or equipment to make your workplace more accessible.
- Contact the [Accessibility Centre](#) for advice and support.

**WORKPLACE  
ACCESSIBILITY**  
TO MAKE A MORE ACCESSIBLE WORKPLACE



### THAT'S WHY WE'VE LAUNCHED A NEW SERVICE FOR YOUR CONVENIENCE

- Visit the [HR Online Workplace Accessibility Page](#) if you need tools, services or equipment to make your workplace more accessible.
- Contact the [Accessibility Centre](#) for advice and support.

**WORKPLACE  
ACCESSIBILITY**  
TO MAKE A MORE ACCESSIBLE WORKPLACE

### ONE SINGLE SERVICE TO REQUEST WORKPLACE ADJUSTMENTS

Visit the [HR Online Workplace Accessibility Page](#) to:

- Request workplace adjustments.
- Contact the accessibility centre for advice.



# L-UNGERIJA

## ► IR-RIABILITAZZJONI VOKAZZJONALI B'HALA SERVIZZ TAR-RIŻORSI UMANI F'E.ON HUNGARY LTD. (L-UNGERIJA)

# GAPV LTD. (L-UNGERIJA)

### ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

E.ON Hungary tieħu approċċ inklużiv għar-reklutaġġ, li jfisser li m'hemm l-ebda pożizzjoni dedikata, iżda l-opportunitajiet kollha huma disponibbli għal persuni b'diżabilitajiet.

Il-kumpanija hija lesta li tippordi akkomodazzjoni raġonevoli lill-impiegati ġodda. Mill-2012, E.ON Hungary tħaddem strategja biex iż-żid in-numru ta' impiegati b'diżabilitajiet fil-kumpanija, b'żewġ oqsma ewlenin ta' prioritet:

- 1.** L-ġhoti ta' opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilitajiet matul il-proċess kollu ta' reklutaġġ u għażla.
- 2.** L-ġhoti ta' servizz ta' riabilitazzjoni okkupazzjonali lill-impiegati b'diżabilità mmexxi mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani.

E.ON Hungary tikkollabora mill-qrib ma' aktar minn 20 NGO li jipprovd pariri u servizzi, attivi fil-qasam tad-diżabilità li għenu fl-evalwazzjoni tal-proċess ta' reklutaġġ u taw suġġerimenti konkreti dwar kif għandhom jiġu eliminati l-ostakli għall-persuni b'diżabilità. Bis-saħħa ta' din il-kollaborazzjoni, E.ON Hungary toffri sistemi ta' smiġħ b'ingassa induttiva, mentoraġġ, interpetri tal-lingwa tas-sirjali, jekk ikun meħtieġ, għal kwalunkwe kandidat. Il-pjattaforma ta' reklutaġġ online tiġi ttestjata wkoll b'mod regolari biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għal persuni b'vista batuta.

Is-servizz ta' riabilitazzjoni okkupazzjonali jinkludi l-aspetti kollha tar-riabilitazzjoni vokazzjonali, inkluż il-kejl tal-istatus, il-pjan ta' rkupru/riabilitazzjoni

### QASAM TA' ATTIVITÀ

- Il-kunsinna tal-enerġija

### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPIEGATI

- 105

### KUNTATT


<https://www.eon.hu>

personali, it-tqabbil tal-impiegati, l-aġġustament fuq il-post tax-xogħol, l-appoġġ lit-tim u l-appoġġ lill-maniġers. Bħala parti minn dan is-servizz, jistgħu jiġu kkonsultati s-servizzi psikoloġiċi u soċjalji, jekk ikun hemm bżonn, u baġit personali (b'valur ta' EUR 850) huwa disponibbli wkoll (eż, għall-għodod ta' aċċessibbiltà, īlas ta' taħbiġ estern, nutrizzjoni supplimentari). Mill-2012, b'kollo, 109 impiegati kienu jeħtieġ appoġġ għar-riabilitazzjoni u l-biċċa l-kbira tagħhom inżammu fil-kumpanija (75%).

L-ġhan ewleni tas-servizz ta' riabilitazzjoni huwa li jappoġġa kollega biex iżomm il-kariga attwali tiegħi, iżda jekk dan ma jkunx possibbli, id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani dejjem jipprova jsib profili ta' impiegati alternattivi.

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

E.ON mhux biss tempjega persuni b'diżabilità, iżda wkoll tassumi r-responsabbiltà lejn l-impiegati li jinħakmu minn xi diżabilità, wara li jkunu ġew impiegati. Dan l-aproċċ jgħin ukoll biex l-integrazzjoni ta' persuni impiegati ġoddha b'diżabilità tkun aktar faċli. Barra minn hekk, E.ON temmen bis-sħiħ fil-valur tal-appoġġ lill-impiegati u l-benesseri tagħhom. Il-kumpanija tapprezzza l-ħiliet u l-kapaċitajiet importanti tal-membri tal-persunal b'diżabilità li jagħtu kontribut importanti lill-kumpanija.





# ► PAKKETT TA' BENEFIĊĊJI GĦALL-IMPIEGATI B'DIŻABILITÀ F'ING BANK ŚLĄSKI S.A. (IL-POLONJA)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

### Is-sostenibbiltà u d-diversità huma inerenti għall-kunċett tan-negozju ta' ING Bank Śląski S.A.

Il-fergħa Pollakka tal-bank multinazzjonal bħalissa qed timpliġi Strateġija ta' Sostenibbiltà ġidha għall-2019-2021, filwaqt li tifformu l-missjoni tagħha bħala:

**“** Il-Bank għall-intraprenditorja, il-Bank ta' opportunitajiet indaqs, il-Bank ta' proġetti ta' investimenti ekoloġiku u l-Bank li huwa konxju mill-ambjent.

ING hija impenjata li tippromwovi d-diversità fuq il-post tax-xogħol. Hija temmen li dan jgħin lill-kumpanija tiżviluppa ideat u soluzzjonijiet ġodda, li huma essenziali għas-suċċess. Bħala parti mill-istrateġija għad-Diversità tal-bank, sa mill-bidu tal-2019, hemm fis-seħħi miżuri konkreti biex jinħolq ambjent tax-xogħol inklużiv u mingħajr ostakli u biex is-servizzi bankarji tagħha jsiru aċċessibbli għall-klienti b'diżabilità. Qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni finali dwar it-tip ta' miżuri ta' appoġġ, il-manigħment ikkonsulta mal-impiegati b'diżabilità biex jifhem xinhuma l-htiġiġiet tagħhom. L-involvement tal-impiegati b'diżabilità fil-proċess kollu għen biex jiġi offrutt appoġġ li jissodisfa l-aspettattivi tagħhom.

Il-bank joffri pakkett ta' benefiċċji u servizzi għall-impiegati b'diżabilità u għall-impiegati li jrabbu t-tfal b'diżabilità. Il-pakkett jinkludi:

- Allowances permanenti ta' kull xahar, iffinanzjati mill-Fond għall-Benefiċċji Soċjali intern għal-**a** impiegati b'diżabilitajiet moderati jew severi (s'issa bbenefikaw 114-il impiegat); **b** l-impiegati li qed irabbu t-tfal b'diżabilità (s'issa bbenefikaw 156 impiegat).
- Liv addizzjonalni għal **a** impiegati b'ċertifikat ta' diżabilità huma intitolati għal tliet ijiem addizzjonalni ta' liv imħallas fis-sena (s'issa intuża minn tmien impiegati); **b** impiegati li jrabbu t-fal b'diżabilità huma intitolati għal ħamlest ijiem ta' liv imħallas addizzjonalni fis-sena (s'issa intuża minn 10 impiegati); **c** impiegati li jipprovdura kura informali lill-konjuji/lis-ħab/lill-jenituri/lill-kunjati/lin-nanniet b'diżabilità tagħhom huma intitolati għal jumejn liv imħallas addizzjonalni fis-sena (s'issa ibbenefikaw 62 impiegat).

## QASAM TA' ATTIVITÀ

► Is-settur bankarju


## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPIEGATI

► 143

## KUNTATT

<https://www.ing.pl>

ING Bank Śląski S.A. stabbilixxa wkoll kollaborazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet mhux governativi (il-Fondazzjoni għall-Integrazzjoni, il-Fondazzjoni għall-Attivazzjoni) li jharru u jappoġġaw lill-persuni b'diżabilità fit-tiftxja għall-impiegat u tul il-proċess ta' reklutaġġ. Huma ppublikaw flimkien gwidi u fuljetti biex irawmu l-applikazzjoni b'suċċess ta' kandidati b'diżabilitajiet fis-settur bankarju. Fl-2019, il-kumpanija nediet ukoll inizjattiva biex tindirizza d-diskriminazzjoni u l-fastidju morali tal-impiegati, li kienet tinkludi tagħlim elektroniku obbligatorju għall-impiegati dwar kif jirrikonoxu u jaġixxu meta jesperjenzaw jew jaraw trattament jew imġiba mhux xierqa. L-appoġġ u l-impenn tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija kienu kruċjali biex jiġu implementati dawn il-miżuri u biex jiġu organizzati avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni mal-kumpanija kollha, bħall-Ġimgħa tad-Diversità u l-Inklużjoni fl-2019.



©ING Bank Śląski S.A.

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Fattur importanti f'dan il-proġett huwa li ING Bank Śląski S.A. tibni fuq il-ħtiġijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-impiegati b'diżabilità tagħha sabiex ittejjeb aktar l-aċċessibiltà u l-inklużività tal-ambjent tax-xogħol. Il-kumpanija organizza regolarmen diskussionijiet bejn l-impiegati u l-membri tal-bord, fejn jistgħu jitqajmu l-ideat u jiġu diskussi b'mod mistuħ.

Li jkollok riżorsi adegwati assigurati u l-ispiża tkun akkomodazzjoni raġonevoli huwa assi ieħor. Il-provvediment ta' akkomodazzjoni raġonevoli jirrikjedi wkoll bidliet fir-regolament dwar ix-xogħol u flessibbiltà kemm mill-management kif ukoll mill-impiegati.



FRANZA

# ► USING DESIGN TO SUPPORT THE EMPLOYMENT OF PERSONS WITH INTELLECTUAL DISABILITIES AT RESTAURANT LE REFLET NANTES (FRANCE)

NANTES (FRANCE)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

**Flore Lelièvre iddeċidiet li tifthaħ ristorant fejn persuni bħal ħuha l-kbir li jbatu bis-Sindromu Down ikunu jistgħu jaħdmu, bħal kull persuna oħra. L-għan kien li jinħoloq post fiċ-ċentru ta' Nantes, li, permezz tal-arkitettura u d-disinn tiegħu jkun jista' joħloq impjieg u jirrispondi għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali.**

Minbarra l-ħolqien tal-impjieg, mira soċċiali importanti kienet li jinquerdu l-isterjotip u li tiġi promossa l-inlużjoni soċċiali tal-persuni b'diżabilità fil-pubbliku ġenerali. Wara sena ta' ġibr ta' fondi, ir-Restaurant Le Reflet fetaħ il-bibien tiegħu, u jimpjega seba' persuni b'diżabilitajiet intellettuali b'kuntratti ta' xogħol permanenti u b'salarju ordinarju. Ir-ristorant isajjar ikel tradizzjonali Franċiż, jiftaħ mit-Tlieta sal-Ġimgħa għall-ikla ta' nofsinhar, u mill-ħamis sas-Sibt għall-ikla ta' fil-ġħaxja ukoll. Huwa joffri menu limitat ta' ikel immajjarr frisk, li jinbidel kull ġimägħtej.

In-novità ta' dan il-proġett tinsab fl-użu ta' soluzzjonijiet ta' disinn li jippermettu lill-persuni b'diżabilità jwettqu xogħolhom fil-kċina, iżda wkoll bħala wejters. Pereżempju, is-sistema tat-teħid tal-ordnijiet għej adattata għall-persunal b'diffikultajiet fil-qari, fil-kitba jew fil-memoria. Il-klijenti jingħataw kartuna bl-ordnijiet, fejn ikunu jistgħu sempliċiment jittimbraw l-ġhażiet ta' ikel u xorb li jkunu jixtiequ. Peress li l-qabda u l-ġħamla tal-id ta' persuni bis-

Sindromu Down huma differenti minn ta' persuni oħra, ġew iddisinjati platti ergonomiċi fejn il-forma tal-id kienet iffurmata fil-qiegħ tal-platt. Dan jagħti aktar stabbilità u serħan tal-mohħiġ lill-wejters bis-Sindromu Down. Srievet ta' taħt il-platti għal fuq il-mejda (placemats) adattati apposta jgħinu lill-membri tal-persunal biex jaraw fejn għandhom jitqiegħdu l-pożzati. Fil-kċina, ġie stabbilit stazzjon tax-xogħol speċjalji u jintużaw ħafna għodod u utensili ergonomiċi biex jgħinu lill-impjegati. Barra minn hekk, inħolqu diversi għajnejn viżi u pittogrammi għal kull impjegat biex iteħbu l-ħiġiet u l-awtonomija tagħhom fix-xogħol.

Il-piżżejjiet amministrattivi ħolqu d-diffikultajiet ewlenin matul l-implementazzjoni tal-proġett. Minn minnu nfetaħ, Le Reflet deher aktar minn 120 darba fuq diversi mezzi tal-midja u r-reċensjonijiet tal-konsumaturi huma eċċellenti, kemm f'termini tal-kwalità tal-ikel, kif ukoll fl-atmosfera u fl-esperjenza ġenerali. Ir-ristorant irċieva diversi premijiet ukoll.

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Le Reflet huwa kburi li żviluppa sistema ta' kontroll li tista' tintuża bħala għoddha ewlenja għall-kumpaniji tal-catering li jixtiequ jimpjegaw persuni b'diżabilitajiet intellettuali jew persuni b'diffikultajiet tal-memoria. Is-suċċess tal-proġett jinsab fil-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet konċernati ma' esperti minn oqsma differenti. Ir-ristorant diġà espanda u fetaħ post ġdid fiċ-ċentru ta' Pariġi.

### QASAM TA' ATTIVITÀ

► Gastronomija

### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

► 7

### KUNTATT

<https://www.restaurantlereflet.fr>



# Le Reflet





# ► IT-TAĦRIĠ U L-IMPJEGAR TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ MA' NEGOZJU ġDID TA' ŻVILUPPATUR TAL-WEB DOMINO DIZAJN D.O.O. (IL-KROAZJA)

# DOMINO DIZAJN D.O.O. (IL-KROAZJA)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

**Domino Dizajn d.o.o.** hija kumpanija żgħira Kroata speċjalizzata fid-disinn u fl-IT.

Bl-appoġġ finanzjarju tal-Istitut Kroat għall-Evalwazzjoni Esperta, ir-Riabilitazzjoni Professjonal u l-Implieg ta' Persuni b'Diżabilità (ZOSI), fl-2018 hija nediet proġetti, biex inizjalment timpjega żewġ persuni b'diżabilità (persuna truxa u persuna b'diżabilità fiżika) għall-iż-żvilupp u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' applikazzjoni tal-web.

L-ġħan tad-Domino Dizajn huwa li toħloq kumpanija indipendenti fejn il-persuni b'diżabilità u l-persuni mingħajr diżabilità jaħdmu flimkien, u l-kumpanija għandha biżejjed dħul biex tiżgura l-funzjonament u t-tkabbir tagħha lejn id-direzzjoni pjanata.

Il-kumpanija hija konvinta li:

“Il-persuni b'diżabilitajiet huma siewja u leali, u riżorsa tajba għal kull negozju li għandu l-intenzjoni intelliġenti li jallokahom għal impjegi li huma jistgħu jwettqu bis-sħiħ (jew b'xi aġġustament) u juru l-potenzjal sħiħ tagħhom hemmhekk.”

Qabel ma bdiet l-implementazzjoni tal-proġett, Domino Dizajn kisbet it-tagħmir kollu meħtieġ, għamlet aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol, irreklutat impjegati b'diżabilitajiet, u pprovdit ilhom taħriġ dwar l-IT għal sena sħiħa. It-teknoloġija għenet ħafna biex tiġi pprovdu akkomodazzjoni raġonevoli kif ukoll biex jitħaddmu u jiġu operati l-magni mill-komputers, ġestiti mill-personal. L-impjegati integrar tajjeb fit-tim u x-xogħol kellu impatt pożittiv fuq ħajjithom u fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

## QASAM TA' ATTIVITÀ

► Disinn u IT

## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

2

## KUNTATT

<https://domino-dizajn.hr>



## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Dan il-proġett jitqies li huwa ta' suċċess, għaliex huwa mfassal biex jiffunzjona fis-suq tax-xogħol miftuħ u juri li l-intrapriżi ż-żgħar ukoll jistgħu jirreklutaw persuni b'diżabilitajiet.

Minħabba l-pjanijiet tal-kumpanija biex tkompli tiżviluppa l-implementazzjoni ta' proġetti ta' teknoloġija avvanzata, huwa għalhekk importanti li jiġu rreklutati persuni li għandhom il-ħiliet teknoloġiċi t-tajba.

Sa tmiem l-2020, il-kumpanija se tkun tista' timpjega persuna oħra b'diżabilità u se jkollha dħul stabbli u opportunità realistika għat-tkabbir u l-iżvilupp.



# ► L-INVOLVIMENT TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ FID-DIPARTIMENTI KOLLHA TAL-FABBRIKA TAL-KARTI “JSC SMILTANIS IR KO” (IL-LITWANJA)

SMILTANIS IR KO” (IL-LITWANJA)

## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

**FI-2008**, wara xi esperjenzi pożittivi b'ħaddiema b'diżabilità, il-kumpanija Litwana “JSC SMILTANIS IR KO” iddeċidiet li tapplika għal status ta’ Intraprija Soċjali skont id-Dritt Litwan.

L-għan kien li jiġu inklużi aktar persuni b'diżabilità fix-xogħol tal-kumpanija, mhux biss fil-produzzjoni, iżda anki fid-dipartimenti tal-bejgħ, tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-kontabilità. Bħalissa, aktar minn 50 % tan-numru totali tal-impiegati huma persuni b'tipi differenti ta' diżabilitajiet, li għandhom kuntratti full-time.

Il-kumpanija tiprovd miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli mfassla apposta għall-impiegati kollha li għandhom bżonnha. Ppreżempju, assistenza personali qed tappoġġa membru tal-personal bis-Sindromu Down. Madwar 10 % tal-impiegati huma persuni torox, li fil-bidu ħolqu xi sfidi fil-komunikazzjoni. Is-superviżuri pparteċipaw f'taħbi biex jitgħallmu s-sinjalji bażiċi, sabiex ikunu jistgħu jinteraqixu mal-impiegati tagħhom direttament. L-interpreti tal-lingwa bis-sinjalji huma kuntrattati biex jgħinu f'laqgħat fil-kumpanija kollha, jew waqt

vjaġġi tal-kumpanija. Qabel ma ġew impiegati persuni b'diżabilitajiet fizċi, l-entraturi u l-kmamar tal-banju ġew magħmulin aċċessibbli u nħolqu spazji tax-xogħol adattati. Il-membri tal-personal b'diżabilità huma integrati bis-sħiħ fil-kumpanija u jattendu taħrif u diversi avvenimenti soċjali, bħal kwalunkwe impiegat ieħor. Sfida komuni fil-każ-za' tal-impiegati b'diżabilità kienet li l-biċċa l-kbira tagħhom jaħdnu fit aktar bil-mod, u għalhekk il-kumpanija issa tippjana żmien itwal għall-produzzjoni meta taċċetta ordnijiet ġoddha.

L-impenn tal-Maniġer Ġenerali kien indispensabbi fil-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol inklużiv u ta' appoġġ għal kulħadd. Wieħed mir-riżultati pożittivi tal-proġett huwa li hemm flutwazzjoni baxxa ħafna fost il-ħaddiema peress li n-nies iħossuhom apprezzati u x-xogħol fil-fabbrika jogħġogħobhom, minbarra li jħallas ukoll paga deċenti.

## QASAM TA' ATTIVITÀ

► Il-produzzjoni tal-karta u ta' provvisti għall-uffiċċji

## NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

45

<https://www.smiltart.com>

## KUNTATT



## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Il-prattika promettenti ta' "JSC SMILTANIS IR KO" turi li l-impjegar ta' persuni b'diżabilità bl-ebda moda jxekkel is-suċċess tal-kumpanija, iżda pjuttost jista' jikkontribwixxi għat-tkabbiż tagħha.

Bl-appoġġ meħtieġ, il-persuni b'diżabilità jistgħu jkunu impjegati impenjati u leali u jistgħu jiġu impjegati f'dipartimenti u fi rwoli differenti.



# IĊ-ĊEKJA

## ► L-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI F'ETINCELLE O.S. BIEX TIĠĠIELED L-ISTERJOTIPI U TWITTI T-TRIQ GĦALL-IMPJIEGI FIS-SUQ TAX-XOGħOL MIFTUĦ (IĊ-ĊEKJA)

### ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

Ħmistax-il sena ilu, Etincelle bdiet bħala ċentru ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali. Il-kumpanija malajr intebħet li minkejja li l-persuni b'diżabilità kienu jtemmu b'suċċess il-programmi ta' taħriġ, l-ebda impiegatur ma ried jimpiegahom, minħabba l-isterjotipi persistenti fis-soċjetà.

Għalhekk, Etincelle ddeċidiet li ssir intrapriża soċjali u li toħloq b'mod dirett impiegħi għall-persuni b'diżabilità fis-setturi tal-gastronomija u tat-tindif. Il-proġetti inizjali kien appoġġat mill-Fond Soċjali Ewropew. Illum il-ġurnata hija finanzjarjament indipendenti u tmexxi għaxar kafetteriji, sitt gruppi ta' tindif u razzett, u b'kollox timpjega kważi 150 persuna b'diżabilitajiet intellettuali.

Madankollu, fuq il-bażi ta' dawn l-esperjenzi, Etincelle qed tiffoka mill-ġdid l-attenzjoni tagħha fuq l-appoġġ lill-persuni b'diżabilità biex isibu impiegħi

fis-suq tax-xogħol miftuħ. Huma joffru kooperazzjoni lill-impiegatū li m'għandhom l-ebda esperjenza fir-reklutajiet ta' persuni b'diżabilitajiet intellettuali. Etincelle ħolqot kunċett ta' franchise soċjali verament innovattiv tal-kafetterija tagħha "Mezi Řádky" li jista' jiġi adottat faċilment u stabbilit b'impiegati b'diżabilità. Din l-inizjattiva hija akkumpanjata minn programm metodoloġiku li għandu fil-mira tiegħu lill-assistenti u lill-ħarrieġa li jkunu f'kuntatt dirett mal-impiegati b'diżabilità (pereżempju fil-kċina).

### QASAM TA' ATTIVITÀ

- Gastronomija, servizzi ta' tindif

### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

148

### KUNTATT

<http://etincelle.cz>

Matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena, 80 % ta' aktar minn 700 impiegat ta' Etincelle kienu persuni b'diżabilità, li akkwistaw ħiliet, esperjenza ta' xogħol u indipendenza finanzjarja. Ħafna minnhom ħallew lill-kumpanija biex ikomplu l-karriera tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ.

**“**Aħna naħsbu li huwa kruċjali li l-potenzjal uman jittieħed bis-serjetà u li nqħinu fl-iżvilupp ta' dawk li tassew jixtiequ jiżviluppaw



## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Fil-bidu, il-klijenti ta' Etincelle kienu riluttanti īafna li jżuru kafetterija fejn prodotti moħġiġa friski u iklet jitħejew minn persuni b'diżabilità. Għalhekk, is-sidien iddeċidew li ma jenfażżaww in-natura inklużiva tal-post iżda riedu lill-klijenti japprezzaw il-prodotti tagħhom għal dak li huma. Dan il-mudell deher li ġadew, bil-kafetteriji kollha tagħhom joperaw b'suċċess.

Etincelle hija konvinta li hemm bżonn ta' leġiżlazzjoni nondiskriminatoreja b'saħħiħha u infurzabbli biex tinċentiva lill-impjegaturi fis-suq tax-xogħol miftuħ biex jimpiegaw persuni b'diżabilità. L-impjegaturi għandhom jingħataw appoġġ biex ikunu jistgħu jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli u jaraw li din l-esperienza tirnexxi.





# SPANJA

## ► INTRAPRIŻA SOĊJALI TA' SUĊĊESS BIEX TĦARREĠ PERSUNI B'DIŻABILITÀ FIS-SUQ TAX-XOGĦOL MIFTUĦ FI GRUPO SIFU (SPANJA)

TR  
ĊJALI TA' SUĊĊESS BIEX TĦARREĠ PERSUNI B'DIŻABILITÀ FIS-

H FI GRUPO SIFU (SPANJA)

### ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

**Grupu SIFU** twaqqaf f'Barcellona fl-1993 bħala kumpanija inklużiva, fi żmien meta s-suq tax-xogħol Spanjol ma kien joffri l-ebda opportunità lill-persuni b'diżabilità. Matul aktar minn 20 sena, il-kumpanija espandiet l-attività professjonali tagħha f'aktar minn 30 uffiċċju madwar Spanja u waqqfet l-ewwel uffiċċju internazzjonali tagħha fi Franzia fl-2018.

Il-kumpanija timpjega madwar 4 500 persuna b'diżabilità fi Spanja, li 35 % minnhom huma kkunsidrati bħala persuni bi bżonnijiet ta' appoġġ kbar. Bħala intrapriża soċjali, hija toffri servizzi ta' faċilitajiet lill-kumpaniji li jesternalizzaw dawn il-kompieti, inkluż:

- Servizzi ta' tindif
- Ġestjoni ta' faċilitajiet
- Provvisti u servizzi
- Manutenzjoni
- Konsultazzjoni dwar is-CSR

Fl-2019–2020, Grupu SIFU nediet programm ta' impieg inklużiv biex jitrawwem l-aċċess tal-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol miftuħ.

Sabiex ittejjeb l-impiegabbiltà tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ, il-kumpanija pprovdiet aktar minn 30 000 siegħa ta' taħrif lil aktar minn 1 300 persuna. Fl-2019, għenek aktar minn 100 impiegat fit-tranżizzjoni tagħhom lejn is-suq tax-xogħol miftuħ.

Barra minn hekk, il-Fondazzjoni Grupu SIFU hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħi, li tmexxi taħrif ta' sensibilizzazzjoni u ta' sensitivitā għal kumpaniji fis-suq tax-xogħol miftuħ biex tikkonvċihom dwar il-vantaġġi li wieħed jimpjega persuni b'diżabilità.

Fl-2020, Grupu SIFU rebħet ukoll il-kategorija tan-negożu tal-Premijiet “Impieggi għal Kulħadd” tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizzi għall-Persuni b'Diżabbiltà.

### QASAM TA' ATTIVITÀ

- Servizzi ta' faċilitajiet

### NUMRU TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ IMPJEGATI

- 4500

### KUNTATT

<https://www.gruposifu.com>

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

Fi Spanja, il-leċiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni timponi li 2 % tal-forza tax-xogħol tal-kumpaniji għandhom ikunu persuni b'diżabilità u li għandhom jiffavorixxu s-servizzi pprovduti minn intrapriżi soċjalment inklużivi, kull meta jkun possibbli. Fil-każ li kumpanija ma tkun tista' tissodisfa l-kwota ta' 2 %, din tista' tissodisfa l-obbligi tagħha billi tikkuntratta intrapriżi soċjali li jimpiegaw persuni b'diżabilità għal diversi servizzi. Madankollu, fi Spanja, 81 % tal-kumpaniji privati ma jissodisfawx l-obbligi legali tagħhom. Skont Gruppo SIFU, għad hemm sterjotipi persistenti u nuqqas ta' għarfien fis-soċjetà li joħolqu ostakli għal persuni b'diżabilità biex isibu impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ. Il-missjoni tagħha hija għalhekk li, permezz ta' servizzi ta' kwalità għolja, turi li l-impjegar ta' persuni b'diżabilità jista' jkun mudell ta' negozju ta' suċċess.



## C. EŻEMPJU MIS-SOĊJETÀ ĊIVILI

► “VALUEABLE NETWORK” BIEX JIPROMWOVI L-INKLUŻJONI TA’ PERSUNI B’DIŻABILITAJIET INTELLETTWALI FIS-

## SETTUR TAL-OSPITALITÀ

Valueable  
NETWORK

### QASAM TA’ ATTIVITÀ

► Is-settur tal-ospitalità (lukandi, ristoranti, kafetteriji)

### NUMRU TA’ PERSUNI B’DIŻABILITÀ IMPJEGATI

► 75

<https://www.valueablenetwork.eu>

SOĊJETÀ ĊIVILI



## ► DESKRIZZJONI TAL-PRATTIKA PROMETTENTI

**Il-“Valueable Network” inħoloq fi ħdan proġett, li ġie stabbilit b’mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea, permezz tal-Programm Erasmus+ u tnieda f’Diċembru 2016. Ikopri sitt (6) pajjiżi Ewropej: L-Italja, Spanja, il-Portugall, l-Ungaria, il-Ġermanja u t-Turkija.**

L-ġħan tal-proġett huwa li jtejjeb ir-Responsabbiltà Soċċali Korporattiva billi jippromwovi l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta’ persuni b’diżabilitajiet intellettuali permezz ta’ kollokament immirat fis-settur tal-ospitalitāt.

Diġà hemm aktar minn 100 kumpanija msieħba impenjati fil-“Valueable Network” (lukandi, ristoranti, u kafetteriji), li joffru internships, jew impjieg bi ħlas fis-suq tax-xogħol miftuħ lil total ta’ 226 persuna b’diżabilitajiet intellettuali. 75 persuna ġew impiegati b’kuntratt ta’ xogħol temporanju jew permanenti. Sa mill-bidu tal-proġett, it-tuturi jappoġġjaw persuni b’diżabilitajiet intellettuali biex isibu impjieg ġdid, jimmaniġġaw appuntamenti, jakkumpanjaw kandidati lejn il-post tax-xogħol il-ġdid u biex iwettqu l-kompieti tagħhom u jintegraw fit-tim. Ġew żviluppati wkoll protokoll għall-

kollaborazzjoni mal-ktajjen tal-lukandi u korsijiet ta’ tagħlim elettroniku għall-fornituri tal-Edukazzjoni u t-Taħrif Vokazzjonali.

Illum il-ġurnata, “Valuable – handing opportunities” (“Valuable – nimmaniġġaw l-opportunitajiet”) hija trademark li l-kumpaniji sħab fin-network jistgħu jużaw biex jirriflettu l-impenn tagħhom fi tliet livelli: Bronż, Fidda u Deheb. Il-verżjoni tad-Deheb tingħata lill-impiegaturi li jimpiegaw mill-inqas ħaddiem wieħed b’diżabilità intellettuali u jaġixxu bħala ambaxxaturi tat-trademark. Dawn il-kollokamenti fis-suq tax-xogħol miftuħ appoġġaw lil persuni b’diżabilitajiet intellettuali biex isiru aktar indipendenti fuq il-post tax-xogħol, iżda wkoll fil-ħajja personali tagħhom, minħabba l-ħafna ħiliet ġodda li żviluppaw u bis-saħħha tad-dħul li jagħmlu.

## ► INĦARSU LEJN IL-FUTUR

L-ġħadd dejjem jiżdied ta’ lukandi, ristoranti u kumpaniji oħra jrajin involuti fil-“Valuable Network” juri li s-settur tal-oħraġiha huwa impenjat fl-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta’ persuni b’diżabilitajiet intellettuali u jarahom bħala īaddiema affidabbli, jekk jiġu pprovduti b’miżuri ta’ akkommazzjoni raġonevoli. Il-proġett ikkontribwi xxa għal ambjent tax-xogħol aktar effettiv u aktar ta’ appoġġ fil-kumpaniji u qajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali. Waħda mill-isfidi kienet li l-persuni b’diżabilità ħafna drabi ma jkollhomx it-taħrif jew l-ambizzjoni meħtieġa biex ifitxu impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ, minħabba stigma fit-tul u l-eskużjoni soċċiali. Il-proġett se jeħtieġ finanzjament sostenibbli, sabiex jiprovdi perspettiva stabbi u affidabbli għall-persuni b’diżabilitajiet intellettuali biex isibu impjieg fis-settur tal-oħraġiha.

# ► MIN JISTA' JGħINEK TEŻERĊITA D-DRITTIJET TIEGħEK?

## ► KUNTATTI GħAL INFORMAZZJONI U APPOĠġ FIL-KAŻ TA' DISKRIMINAZZJONI

## KORPI NAZZJONALI GĦALL-UGWALJANZA

Il-Korpi għall-Ugwaljanza huma istituzzjonijiet pubbliċi li jiġiġeldu d-diskriminazzjoni fil-livell nazzjonali u li għandhom mandat li jippromwovu, janalizzaw, jimmonitorjaw u jappoġġaw it-trattament ugħali fil-kuntest nazzjonali.

### IL-BELġU

- L-Istitut Belġjan għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel
- Unia (Ċentru Interfederali għall-Opportunitajiet Indaq)

### IL-BULGARIJA

- Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni Kontra d-Diskriminazzjoni

### IĊ-ĊEKJA

- Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet

### ID-DANIMARKA

- Il-Bord għat-Trattament Ugħali
- L-Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem

### IL-ĠERMANJA

- L-Aġenzija Federali Kontra d-Diskriminazzjoni

### L-ESTONJA

- Il-Kummissarju għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Trattament Indaq

### L-IRLANDA

- Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza

### IL-GREċċJA

- L-Ombudsman Grieg

### SPANJA

- Il-Kunsill għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali jew Etnika
- L-Istitut tan-Nisa u għall-Opportunitajiet Indaq

### FRANZA

- Id-Difensur tad-Drittijiet

### IL-KROAZJA

- L-Uffiċċju tal-Ombudsman
- L-Ombudsman għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- L-Ombudswoman għal Persuni b'Diżabilità

**L-ITALJA**

- Il-Kunsillier Nazzjonali għall-Ugwaljanza
- L-Uffiċċju Nazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali – UNAR

**ĊIPRU**

- L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Amministrazzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

**IL-LATVJA**

- L-Uffiċċju tal-Ombudsman

**IL-LITWANJA**

- L-Uffiċċju tal-Ombudsperson għall-Opportunitajiet Indaq

**IL-LUSSEMBURGU**

- Iċ-Ċentru għat-Trattament Indaq

**L-UNGERIJA**

- L-Awtorităt għat-Trattament Ugwali
- L-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali

**MALTA**

- Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità – CRPD
- Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza – NCPE

**IN-NETHERLANDS**

- L-Istut Netherlandiż għad-Drittijiet tal-Bniedem

**L-AWSTRIJA**

- L-Ombudsman Awstrijak għad-Diżabilità
- L-Ombud għat-Trattament Ugwali

**IL-POLONJA**

- Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem

**IL-PORTUGALL**

- Il-Kummissjoni għaċ-Ċittadinanza u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- Il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza fix-Xogħol u l-Impjieg
- Il-Kummissjoni Għolja għall-Migrazzjoni

**IR-RUMANIJA**

- Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġlied Kontra d-Diskriminazzjoni

**IS-SLOVENJA**

- L-Avukat tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza

**IS-SLOVAKKJA**

- Iċ-Ċentru Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem

**IL-FINLANDJA**

- L-Ombudsman għan-Nondiskriminazzjoni
- L-Ombudsman għall-Ugwaljanza

**L-IŻVEJZA**

- L-Ombudsman għall-Ugwaljanza

# KARTI DWAR ID-DIVERSITÀ

**Bl-iffirmar ta' karta dwar id-diversità, organizzazzjoni timpenja ruħha li tippromwovi d-diversità u l-opportunitajiet indaqs għall-persunal tagħha.**

## IL-BELĞU

Il-Karta dwar id-diversità tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali tnediet f'Diċembru 2005 u tinkludi aktar minn 162 organizzazzjoni. Il-Karta hija mmexxija mill-Ministeru għall-Impiegji u l-Ekonomija, b'kollaborazzjoni mal-Unjoni tal-Intrapriżi fi Brussell (UEB) u l-Ministeru tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali.

## IL-BULGARIJA

Il-Karta għandha tiġi stabbilita fl-2020.\*

## IĊ-ĊEKJA

Il-Karta dwar id-diversità Ċeka tnediet f'Novembru 2014 u għandha 21 firmatarju, inklużi wħud mill-akbar organizzazzjonijiet multinazzjonali fil-pajjiż.

## ID-DANIMARKA

Il-Karta dwar id-diversità Daniża tnediet fl-2011. L-Association New Dane stabbiliet il-Karta Daniża għad-Diversità b'appoġġ mill-Ministeru Daniż għat-Tfal, l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Soċjali.

## IL-ĠERMANJA

Il-Charta der Vielfalt Germaniā ġiet immedija f'Diċembru 2006 u għandha aktar minn 2 900 firmatarju. Bħal fil-każ tal-Karta Franċiża, din tkopri disa' oqsma ta' diskriminazzjoni.

## ESTONIA

Til-Karta dwar id-diversità Estonjana, Eesti Mitmekesisuse Kokkulepewas, tnediet f'Novembru 2012. Hija mmexxija miċ-Ċentru Estonjan għad-Drittijiet tal-Bniedem.

## L-IRLANDA

Il-Karta dwar id-Diversità tal-Irlanda tnediet f'Ottubru 2012 u hija mmexxija minn ħax-il organizzazzjoni, li jirrappreżentaw il-komunità tan-negożju usa' u li jinkludu l-IBEC, il-grupp li jirrappreżenta n-negożju Irlandiż.

## IL-GREĊJA

Il-Karta dwar id-Diversità Griega tnediet f'Mejju 2019 u hija appoġġata mis-Segretarjat Ġenerali Grieg għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Ministeru tal-Intern, mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Greċja, mill-Federazzjoni tal-Muniċipalitajiet fil-Greċja u mill-Federazzjoni Ellenika tal-impriżi. Għandha aktar minn 140 firmatarju.

## SPANJA

Il-Karta dwar id-diversità Spanjola, Fundación Diversidad – Charter de la Diversidad en España, tnediet f'Marzu 2009 u hija ffirmata minn aktar minn 650 kumpanija kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. Il-Karta tnediet fuq inizjattiva tal-Istitut Ewropew għall-Ġestjoni tad-Diversità u l-Fondazzjoni Alares bl-appoġġ tal-Ministeru Spanjol għall-Opportunitajiet Indaqs.

## FRANZA

Il-Karta dwar id-diversità Franċiża tnediet f'Ottubru 2004 u hija ospitata minn Les Entreprises pour la Cité (preċedentement IMS-Entreprendre pour la cite), organizzazzjoni li taħdem biex tippromwovi r-responsabbiltà soċjali korporattiva. Bħalissa hemm aktar minn 3 200 firmatarju, l-aktar negozji żgħar u ta' daqs medju, iżda tinkludi wkoll istituzzjonijiet pubbliċi.

## IL-KROAZJA

Il-Karta Kroata tnediet fl-4 ta' Ottubru 2017 f'Zagreb, ikkofinanzjata mill-Programm dwar il-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Sa tmiem l-2017, il-Karta kellha 38 firmatarju.



### L-ITALJA

Il-Karta Taljana għall-Opportunitajiet Indaq u l-Ugwaljanza fuq ix-Xogħol tnediet mill-Ministeru tax-Xogħol. Il-karta hija appoġġata mill-Ministru tax-Xogħol Taljan u mill-Ministru tal-Opportunitajiet Indaq u tnediet mill-Kunsillier Nazzjonali għall-Opportunitajiet Indaq tal-Ministeru tax-Xogħol, Fondazione Sodalitas u l-kumitat ta' tmexxija li jippromwovi l-Karta. Madwar 895 intrapiżza privata, inkluż madwar 450 SME u 160 awtorità pubblika, b'aktar minn 700 000 impjegat, iffirmaw il-Karta.

### ĊIPRU

Il-Karta għandha tiġi stabbilita fl-2020.\*

### IL-LATVJA

Il-Karta dwar id-Diversità tal-Latvja tnediet fi Frar 2019 mill-assoċjazzjoni Open Centre.

### IL-LITWANJA

Il-Karta dwar id-Diversità tal-Litwanja tnediet f'Ottubru 2018 mid-Diversity Development Group u mis-SOPA u ġiet iffirmata minn 25 kumpanija.

### IL-LUSSEMBURGU

Immedija f'Settembru 2012 mill-IMS Luxembourg (Institut pour le Mouvement Sociétal), il-Karta dwar id-Diversità ta' Lëtzebuerg gradwalment żiedet il-firmatarji tagħha għal 188 fl-2019, b'atturi kemm privati kif ukoll pubbliċi.

\* [https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combatting-discrimination/tackling-discrimination/diversity-management/diversity-charters-eu-country\\_mt](https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combatting-discrimination/tackling-discrimination/diversity-management/diversity-charters-eu-country_mt)

## L-UNGERIJA

Il-Karta dwar id-diversità Ungerija tnediet f'Ottubru 2016 mill-forum tal-Mexxejha Kummerċjali Ungeriżi (HBLF), fi sħubija ma' mtd Consulting, u hija appoġġata mill-Ministeru Ungeriż tal-Ekonomija Nazzjonali.

## MALTA

Il-Karta għadha ma ġietx stabbilita.

## IN-NETHERLANDS

Il-Karta dwar id-diversità Netherlandiża, il-Karta Diversiteit, tnediet f'Lulju 2015, inizjalment bi 22 impjegatur mis-settur pubbliku u dak privat.

## L-AWSTRIJA

L-Austrian Charta der Vielfalt tnediet f'Novembru 2010 u ġħandha aktar minn 230 firmatarju mis-settur privat u dak pubbliku. Il-karta hija mmexxija mill-Kamra tal-Ekonomija Federali Awstrijaka u mill-Kamra tal-Ekonomija ta' Vjenna.

## IL-POLONJA

Il-Karta dwar id-diversità Pollakka, il-Karta Różnorodności, tnediet fi Frar 2012 u ġħandha aktar minn 270 firmatarju. Il-Karta tnediet mill-Forum Kummerċjali Responsabili b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-Plenipotenzjarju tal-Gvern għat-Trattament Ugwali u mal-Uffiċċju tad-Difensur Pollakk tad-Drittijiet tal-Bniedem.

## IL-PORTUGALL

Il-Karta dwar id-diversità Portugiża, il-Carta Portuguesa para a Diversidade, tnediet f'Marzu 2016.

## IR-RUMANIA

Il-Karta dwar id-Diversità Rumena tnediet f'April 2018 f'Bucharest, bi 80 firmatarju. Hija waħda mill-eżiti tal-proġett I.D.E.A.S. (Innovazzjoni, Diversità, Ekonomija, Sensibilizzazzjoni, Suċċess.) L-implementazzjoni tal-Karta għet ikkofinanzjata mill-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea.

## IS-SLOVENJA

Il-Karta dwar id-Diversità Slovena, tnediet f'Novembru 2017 u ġħandha aktar minn 60 firmatarju. Il-Karta dwar id-diversità tas-Slovenja hija kkoordinata minn Dobrovita Ltd. u hija wieħed mill-eżiti tal-proġett I.D.E.A.S. (Innovazzjoni, Diversità, Ekonomija, Sensibilizzazzjoni, Suċċess.). L-implementazzjoni tal-Karta kienet ikkofinanzjata mill-Programm dwar il-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## IS-SLOVAKKJA

Il-Karta dwar id-diversità Slovakia, il-Charta Diverzity, tnediet f'Mejju 2017. Hija mmexxija mill-fondazzjoni Pontis (Nadacia Pontis), appoġġata mill-Ministeru tax-Xogħol, l-Affarijet Soċjali u l-Familja tar-Repubblika Slovakka.

## IL-FINLANDJA


Il-Karta dwar id-Diversità tal-Finlandja, Suomen monimuotoisuusverkosto, tnediet f'Ottubru 2012 u ġħandha 59 firmatarju. Il-Karta hija mmexxija mill-FIBS, in-network ewljeni tar-responsabilità korporattiva fil-Finlandja.

## L-IŻVEJZA

Il-Karta dwar id-Diversità tal-İżvejza tnediet f'Diċembru 2010. Il-firmatarji tagħha jimpjegaw aktar minn 300 000 persuna.

## ► KUNTATTI GĦAL INFORMAZZJONI FUQ LIVELL EWROPEW

- **Equinet** <https://equineteurope.org>
- **Ombudsman Ewropew** <https://www.ombudsman.europa.eu>
- **L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)** <https://fra.europa.eu>
- **L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol** <https://ela.europa.eu>
- **Is-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES)** <https://ec.europa.eu>
- **Il-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà (EDF)** <http://edf-feph.org>
- **L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizzi għall-Persuni b'Diżabbiltà (EASPD)** <https://www.easpd.eu>
- **L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** <https://osha.europa.eu>



# ► KIF TISTA' TIKKONTESTA D-DISKRIMINAZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL?

## ► X'GĦANDEK TAGħMEL JEKK INTI KONT VITTMA TA' DISKRIMINAZZJONI?


- Għandek tiġbor kull evidenza meħtieġa biex tappoġġa t-talba tiegħek, bħal ittri, e-mails u dokumenti oħra.
- Jeħtieġ li turi li inti kont trattat differenti u li dan kien minħabba s-sess, l-ċċet, id-diżabilità, **l-orientazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-oriġini razzjal jew etnika tiegħek.**
- Imbagħad hija r-responsabbiltà tal-impiegatur li juri li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tat-trattament ugħalli minħabba li d-deċiżjoni tiegħu kienet ibbażata fuq raġunijiet leġġitimi oħrajn.
- Tista' tippreżenta lment lill-Kummissjoni Ewropea jekk taħseb li l-leġiżlazzjoni fl-Istat Membru tiegħek mhix kompatibbli mad-dritt tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni **ma tistax tintervjeni f'każijiet individwali.**
- Tista' tikkuntattja lill-korp nazzjonali tiegħek tal-ugwaljanza għax dan ikun jista' jinnegozja bejnek u bejn l-impiegatur. F'xi każijiet, jista' wkoll iressaq każijiet quddiem il-qorti (ara hawn fuq għad-dettalji ta' kuntatt tal-korp nazzjonali għall-ugwaljanza tiegħek).

## ► X'JIĠRI META TRESSAQ ILMENT QUDDIEM IL-QRATI NAZZJONALI?

- Tista' tressaq każijiet ta' diskriminazzjoni permezz ta' proċedimenti kriminali, ċivili jew amministrativi, skont il-liġijiet tal-Istat Membru.
- Xi kultant, soluzzjoni negozjata hija possibbli bejnek u bejn l-impiegatur tiegħek permezz tal-aġġenti ta' medjazzjoni tal-Istat Membru. Dan normalment jieħu anqas żmien u jiswa anqas flus.
- Wara li tippreżenta evidenza ta' diskriminazzjoni, l-impiegaturi soġġetti għall-ilmenti jridu juru li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni bbażata fuq ir-raġunijiet projbiti. **Id-Direttivi tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni jċa qilqu l-oneru tal-provi, u b'hekk jagħmlu aktar faċli għall-vittmi tad-diskriminazzjoni biex iressqu l-ilmenti.**
- Jekk it-talba titressaq quddiem il-qorti, korpi ta' ugwaljanza, trade unions, NGOs jew avukati jistgħu jipprovd u għajnejha legali u pariri.
- Jekk il-qorti nazzjonali tkun teħtieġ gwida dwar l-interpretazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, tista' tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## ► X'JIĠRI JEKK L-ILMENT TIEGħEK IKUN TA' SUċċESS?

- Filwaqt li d-dritt tal-UE ma jistipulax liema rimedji huma disponibbli, dan jgħid li jkunu meħtieġa pieni effettivi, proporzjonati u dissaważivi.
- Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tista' tkun intitolat/a għal kumpens, reintegrazzjoni f'impieg, jew ordni li tirrikjedi lill-impiegatur jirrimedja għad-diskriminazzjoni u jiprovvdi akkomodazzjoni raġonevoli.





Il-Lussemburgu: L-Ufficiċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

©L-Unjoni Ewropea, 2020

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Ritratti: ©EuropeanUnion ©Shutterstock & ©iStock  
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li muhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

ISBN 978-92-76-19227-5  
doi:10.2767/98006